THE ROYAL UNIVERSITY OF MALTA

# RUŻAR BRIFFA

## 1906-1963



*NUMRU SPEĊJALI ta'*

# *Leħen il-Malti*

MAĦRUĠ MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)



Dr. Rużar Briffa, B.Sc., M.D.,
Poeta u l-ewwel editur ta' Leħen il-Malti.

## DAN IL-GHADD FIH

| | | pag. |
|---|---|---|
| Kliem l-Editur dwar Rużar Briffa Poeta (1906-1963) . | *L-Editur* | 1 |
| Rużar Briffa u l-Għaqda fi Żmieni . . . . . . . . . . | *A. J. Mamo* | 4 |
| B'Tifkira tal-Poeta Rużar Briffa (1906-1963) . . . . | *Ġ. Aquilina* | 7 |
| Tifkiriet ta' Rużar Briffa . . . . . . . . . . | *Ġ. Cassar Pullicino* | 16 |
| Tifkiriet ta' Rużar Briffa . . . . . . . . . . | *Wallace Ph. Gulia* | 23 |
| Tifkiriet dwar Rużar Briffa . . . . . . . . . . | *Emanuel Agius* | 28 |
| Lil Rużar Briffa (*Poeżija*) . . . . . . . . . . | *Michael A. Saliba* | 30 |
| Tifkiriet ta' Rużar Briffa . . . . . . . . . . . . | *Ġanni Bonnici* | 31 |
| B'Tifkira ta' Habibi Rużar Briffa . . . | *Valentin Barbara, O.P.* | 33 |
| Il-Mewt tal-Poeta (*Poeżija*) . . . . . . . . . . . | *Ġużè Cardona* | 37 |
| Lil Rużar Briffa (*Poeżija*) . . . . . . . . . . . . . . | *T. Cini* | 38 |
| Kif Niftakar lil Rużar Briffa . . . . . . . . . . . | *Ġorg Zammit* | 39 |
| Apprezzament tax-Xogħol Poetiku ta' Rużar Briffa | *Ġużè Diacono* | 41 |
| Il-Valuri tal-Hajja fil-Poeżija ta' Rużar Briffa | *J. Zammit Mangion* | 45 |
| Poeżiji Mhux Stampati . . . . . . . . . . . . | *Rużar Briffa* | 51 |
| *Poeżiji sbaħ u bid-data* . . . . . . . . . . . . . . . . | | 51 |
| Rajtek . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 51 |
| Is-Saltna Tiegħi Mhix ta' din id-Dinja . . . . . . . . . . | | 52 |
| Ma Riedu Hadd! . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 53 |
| Ilbieraħ . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 53 |
| Dawl l-Eternità . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 54 |
| Kristu Haddiem . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 55 |
| Il-Ballata ta' Mattew Callus . . . . . . . . . . . . . | | 56 |
| F'Album ta' Tfajla ta' Hdax-il Sena . . . . . . . . . . | | 56 |
| L-Għana taż-Żgħorija . . . . . . . . . . . . . . . | | 57 |
| Il-Każin . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 58 |
| Wara l-Mewt . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 58 |
| Din id-Dinja! . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 59 |
| Esperiment fil-Poeżija Moderna . . . . . . . . . . . . | | 60 |
| Fejn Sejrin? . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 61 |
| Lill-Madonna tad-Duluri . . . . . . . . . . . . . . | | 61 |

| | pag. |
|---|---|
| Vjolin Marid | 64 |
| Il-Ballata tal-Fontana | 65 |
| *Poeżiji oħrajn (bla data jonkella mhux mitmuma).* | 66 |
| Pawlu ta' Tarsu. | 66 |
| It-Tromba tal-Fidda | 66 |
| Fil-Barrakka ta' Fuq | 67 |
| Barrakka ta' Fuq | 67 |
| Fuq Bank | 68 |
| Ħdura Kullimkien | 69 |
| Il-Vaska Ħadrana | 69 |
| Nixtieq | 69 |
| Ħdura | 70 |
| Mejda Čkejkna | 70 |
| Lejn L-Imdina | 70 |
| Dlam... | 71 |
| Knisja... | 71 |
| Ħolm | 71 |
| X-Ray Clinic | 72 |
| Il-Ħmar | 72 |
| Epigramma | 72 |
| Dun Karm | 73 |
| Ecce Homo | 73 |
| In Pulvere Reverteris | 73 |
| Lura | 74 |
| Frak | 74 |
| Ix-Xita Nieżla | 75 |

# LEHEN IL-MALTI

| IT-XXXII | 1963 | GHADD 5 |
|---|---|---|


## KLIEM L-EDITUR DWAR RUŻAR BRIFFA POETA (1906-1963)

(*Fl-okkażjoni tat-tifkira li għamlitlu l-*Għaqda tal-Malti (Università) *li saret fl-20 ta' April,* 1963).

DUN Karm Psaila għażel bħala titlu ta' waħda mill-poeżiji tiegħu l-vers Orazjan *Non Omnis Moriar* "Jiena ma mmutx għal kollox". Dal-vers nistgħu ngħiduh ukoll għal Rużar Briffa bħala poeta. Kif ġa ktibt f'obitwarju stampat f'waħda mill-gazzetti ta' Malta, mhux mewt waħda hemm, imma tnejn – il-mewt assoluta u l-mewt relattiva. Il-mewt assoluta hija ta' dawk li ma jħallu l-ebda tifkira għażiża warajhom, biex ma ngħidx li xi wħud minnhom iħallu warajhom tifkiriet morri ta' inġustizzji u tfixkil tan-nies ta' rieda tajba. Dawk li ma ħallew l-ebda tifkira tagħhom, mhux biss qatt ma jidħlu fl-istorja, imma jispiċċaw biex, wara ftit tas-snin, joħorġu wkoll mill-memorja ta' dawk li kienu jafuhom. Għal din id-dinja li fiha kuljum u kull ħin jitwieldu u jmutu miljuni ta' nies, ikunu qishom qatt ma twieldu. Id-dinja, jew pajjiżhom, li ma ħassewhomx ħajjin, lanqas ma jħossuhom mejtin. Jiblagħhom il-qabar u l-baħħ taż-żmien, qishom kienu għabra li tajjarha r-riħ, jew inkella dawk il-friefet ta' bil-lejl, li jduru madwar il-fjamma ta' musbieħ u jinħarqu ġo fiha.

Hemm oħrajn li jidħlu fl-istorja mtebbgħin bil-għajb, nies bħal Neruni, Attila, Beatrice Cenci? u fi żmienna Hitler u l-armata ta' l-assassini tiegħu, li qatlu miljuni ta' Lhud fil-Ghetto ta' Warsaw, u nħawi oħra tad-dinja, u għedewwa oħra tal-bniedem li, għall-għira u għar-regħba, il-ħatab tal-mibegħda, ħarbtu l-ordni soċjali li fuqu tinbena l-liġi t'Alla u tal-bniedem. Fil-ġrajja ta' Malta jidħol il-Gvernatur Roman Verres, li kontra tiegħu Ċiċerun kiteb waħda mill-aqwa orazzjonijiet; ħakkiem ħalliel ta' dawn il-gżejjer li ħaqar u seraq il-poplu ġwejjed tagħna, raġel ħażin, simbolu ta' dawk in-nies, barranin u ġewwinin, li meta kienu ħajjin fixklu u għamlu ħsara lill-pajjiż. Dawn in-nies ta' karriera miksuba bl-intrigi u bl-inġustizzji, jidħlu wkoll fl-istorja, imma jidħlu bit-tebgħa ta' nies ħżiena,

u għallhekk kien ikun aħjar għalihom u għal dawk li jiġu minnhom, u għal arthom, li isimhom tħassar għal kollox mill-kotba tal-ħajjin.

Dun Karm u Orazju daħlu fl-istorja ta' arthom, u jibqgħu fiha sakemm itulu s-snin bħala poeti, nies ta' viżjoni li ħallew warajhom jixegħlu bħal ħuġġieġa, id-dawl ta' l-ispirazzjonijiet poetiċi tagħhom.

Isem il-poeta li qegħdin infakkru jidħol fl-istorja ta' pajjiżna bħala wieħed li ma ħalliex lil Malta idejh battala kif daħal fiha, imma ħallielha teżor ta' poeżiji li kull waħda minnhom, versi ta' mgħallem, tgħid ġrajja ta' qalb li taf tħobb, ta' moħħ fin li jaf jaħseb, u ta' karattru tajjeb. Ma jiniex qed ngħid biss għall-liriċi tiegħu mill-ifjen li ħallielna miġburin fil-ktieb tiegħu jismu *Poeżiji*, stampat fl-1960, imma qed ngħid ukoll għall-ġabra ta' poeżiji liriċi li ħalla mhux stampati wara mewtu, li bħalhom jgħidu l-ġrajja sħiħa tal-qalb imtertqa tal-poeta tagħna, meta dan kien jaf li l-jiem tiegħu f'din id-dinja kienu magħduda, wil-ħajja wil-ħajjin kienu għalih bħat-tarf ta' ħolma li dalwaqt tgħib. F'dawn il-mumenti ta' l-akbar sinċerità, wiċċ imb'wiċċ mal-mewt, il-poeta tagħna interpreta l-ħajja wil-ħajjin mingħajr l-inċens u t-tlellix ta' l-ipokresija ta' dawk li għar-regħba jew ġenn ta' kobor jinċensaw lill-għonja u lis-setgħana. Dawn huma l-poeżiji stampati f'dan l-għadd speċjali ta' *Leħen il-Malti*, li ħareġ bl-għajnuna tal-Kunsill ta' l-Università.

Jiena niżżiħajr lill-armla tiegħu, is-sinjura Louisette Briffa, talli silfitni l-manuskritti tiegħu biex nista' nedithom għat-tifkira ta' ismu u tal-ilsien Malti, li huwa ħabb u ħadem għalih mindu kien għadu student żagħżugħ fost il-fanatiżmu snobista ta' ħafna Maltin imqarrqa ta' dik iż-żmien. Għalina ta' l-*Għaqda tal-Malti* (Università) it-tifkira ta' Rużar Briffa hija għażiża ħafna, għaliex kien hu, ma' sieħbu, l-istudent Ġużè Bonnici, li miet ftit snin wara li laħaq tabib, li waqqaf *Għaqda tal-Malti* fost l-istudenti, li għadha ħajja u ħabrieka saż-żminijiet tal-lum, għaqda ta' studenti li daqsha u bħalha l-ebda oħra ma għexet u ħabirket mhux biss fi żmienna, imma mindu twaqqfet l-Università. Għadni niftakar il-ħeġġa ta' Rużar u Ġużè Bonnici għat-twaqqif ta' din il-Għaqda fost l-istudenti, kif ukoll il-ferħ tiegħi meta rajt stampata l-ewwel kitba tiegħi fl-*Leħen il-Malti.*

Jekk bħalissa nagħlaq għajnejja biex niftakar tletin sena ilu, nara quddiemi l-uċuħ ta' ħafna studenti ħbieb, illum professjonisti, min hawn u min hemm, li tħabtu biex iwaqqfu l-mewġa kontra l-Ilsien Malti, ħalli fuq ilsien pajjiżna, bħal popli oħra li jirrispettaw lilhom infushom, nibnu letteratura nazzjonali. X'uħud minn dawk iż-żgħażagħ ħallew isimhom fl-istorja ta' *Leħen il-Malti.*

Kemm igħaddi ż-żmien! Forsi l-għajnejn igħajew iħarsu lejn l-inġustizzji tad-dinja, imma hemm ħaġa li ma tagħjiex f'min hu raġel tassew, u dil-

ħaġa hi l-idijal, dawk il-prinċipji li wieħed ikun fassal fuqhom il-ħajja tiegħu, u bata għalihom fl-għomor qasir li kull wieħed minna jista' jkollu f'din id-dinja.

Rużar Briffa ħaqqu l-qima li qed nagħtuh, il-għaliex bħala poeta ħalliel-na wirt ta' sentimenti patrijottiċi mill-isbaħ, imbarra interpretazzjonijiet l-aktar fini ta' diqa u wġigħ il-qalb, li aħna lkoll, min f'ħin u min f'ieħor, inħossu u nġarrbu. Fin ħafna wkoll fil-poeżija ta' Rużar Briffa hu s-sens reliġjuż mhux artifiċjali imma tad-demm u l-laħam. Iż-żewġ poeżiji tiegħu *Wieħed Biss* u *L-Għid tal-Maħfra* fost oħrajn huma xhieda ta' dan li qed ingħid.

Minn Rużar Briffa miet il-ġisem biss. Għall-ġisem ta' kull wieħed minna hemm miktub "Trab kont u trab għad trid tarġa' ssir", imma ruħu u qalbu għadhom iħabbtu ħajjin, mimlijin bin-nifs u d-demm frisk fil-għanjiet tiegħu. Intom li ħabbejtuh, qisu li f'darkom ikollhom, kull wieħed minnkom, il-ġabra ta' poeżiji tiegħu, il-wirt ta' poeta lil niesu tal-lum u ta' għada.

# RUŻAR BRIFFA U L-GĦAQDA FI ŻMIENI

*(Kelmtejn moqrija fit-tifkira f' ġieħ* Dr. Ruzar Briffa *minn* Sir A.J. Mamo, Kt., O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. *President tal-Qorti)*

L-Għaqda tal-Malti (Università) kienet tkun tonqos minn dmir kbir tagħha kieku l-lejla ma laqqgħatniex biex infakkru u nqimu lit-Tabib Rużar Briffa, li ftit taż-żmien ilu l-mewt serqet minn fostna: dmir ta' gratitudni u ta' mħabba, bħal dak li għandhom l-ulied lejn min tahom il-ħajja, għax Rużar Briffa kien il-fundatur, jew aħjar, wieħed miż-żewġ fundaturi ta' l-Għaqda; dmir ta' ġieħ u foħrija, għax Briffa kien poeta u kittieb li b'xogħlu sebbaħ u seddaq il-letteratura Maltija, u dan hu sewwa sew ukoll l-iskop li għalih twieldet l-Għaqda.

Għaddew tnejn u tletin sena minn dak in-nhar li l-*Għaqda tal-Malti* tal-Istudenti kienet imwaqqfa fl-Università. Iż-żmien kien imwiegħer, għax bosta jaħasra, kienu għadhom ma fehmux il-ħtieġa u s-sbuħija ta' Lsien Art Twelidna. Imma l-ħidma tal-fidwa kienet inbdiet minn ftit pijunieri ħabrieka u mdawla, u l-ogħla ċentru tat-tagħlim f'Malta ma setax jibqa' lura. Kienet ħaġa ta' min jistennieha illi l-istudenti ta' l-Università jagħtu s-sehem tagħhom fix-xejra l-ġdida li l-Malti beda jieħu bħala Lsien letterarju, u li jħabirku biex Ilsienna jikseb ġo Artna l-jeddijiet li huma tiegħu. Infatti, fejn naqsu fost iż-żgħażagħ il-ħeġġa u l-imħabba? Mhux tagħhom l-entużjażmu u l-ħrara għal dak li hu sabiħ u tajjeb u l-ġibda lejn dak li hu ta' siwi u ta' fejda?

L-art kienet tajba u ż-żerriegħa għammiela: kien jonqos biss min isejħilha għall-ħajja biex tinbet u tikber.

Rużar Briffa u Ġużè Bonnici kienu fl-aħħar sena tal-kors, it-tnjen studenti, tal-mediċina it-tnejn ġa kittieba magħrufa, wieħed fil-poeżija u l-ieħor fil-proża, u t-tnejn mixħutin bl-imħabba għal l-Ilsien Malti. Moħbija warajhom fis-satra tal-modestja u l-umiltà li dejjem ħabb kien hemm l-ispirazzjoni u t-tħejjija tal-professur Pietru Pawl Saydon.

U hekk saret l-*Għaqda tal-Malti* (Universtià) li bħala organu uffiċjali tagħha bdiet toħroġ *Leħen il-Malti.* Programm mistqarr tagħha sa millbidu kien li titħabat u tgħin kemm tiflaħ biex il-Malti jkollu letteratura li tixraqlu: xejn iżjed u xejn anqas. Mhux il-piki ma' għaqdiet oħra li ġa kienu jeżistu, iżda t-tama ta' ħidma għalenija magħhom: mhux l-indħil fejn ma jesagħhiex, iżda l-wegħda li fil-politika ma tidħol xejn u b'xejn. Hekk ċar u tond stqarr *Leħen il-Malti* fl-ewwel ħarġa tiegħu. Ħbieb ma' kulħadd

u egħdewwa ta' ħadd.

Rużar Briffa ġie maħtur president ta' l-ewwel kumitat li ntgħażel biex imexxi l-Għaqda u Ġużè Bonnici, Segretarju. Jiena kont magħżul kaxxier u Walter Fava u Kelinu Sammut u Anton Buttigieg bħala membri.

Briffa u Bonnici saru wkoll l-ewwel diretturi ta' *Leħen il-Malti.* Kien jidher li kien hemm bżonn dan id-daqsxejn ta' ktejjeb ta' darba fix-xahar u n-nies reditu. Infatti d-dehra tiegħu kienet milqugħa tajjeb u l-ewwel għadd kif ġie stampat inħataf fi ftit sigħat. Il-gazzetti kollha faħħruh u l-ħbieb kollha tal-Malti ferħu bih u bil-Għaqda u raw fihom mezz qawwi biex tixtered il-kitba maltija tajba u biex l-istudenti u l-gradwati — "il-qalb u l-moħħ ta' Malta" — jidraw jaħsbu u jiktbu bil-Malti. Dan l-iskop u din ir-rieda tal-Għaqda bdew u setgħu jseħħu għaliex ħafna studenti li qabel qatt ma kienu ħolmu li jiktbu kelma bil-Malti bdew jagħmlu ħila u jifhmu u jagħarfu l-ġmiel ta' Lsienna.

Immexxija minn Briffa u Bonnici, l-Għaqda bdiet torganizza laqgħat letterarji fl-Università fejn il-membri kienu jaqraw xogħlijiet tagħhom u jsiru diskussjonijiet fuq il-letteratura tagħna. U biex dawk li riedu jistudjaw aktar u jitħajru jiktbu setgħu jkollhom il-kotba meħtieġa, l-Għaqda ħasbet minn kmieni biex tiġbor l-aħjar kotba b'ilsienna u tifforma ġabra letterarja u xjentifika bħala taqsima għaliha fil-Librerija ta' l-Università.

Anqas kienu għaddew erba' xhur mit-twaqqif tagħha meta l-Għaqda nidiet żewġ konkorsi, wieħed ta' novelli u l-ieħor ta' poeżiji. Rużar Briffa, m'għandniex xi ngħidu, kien wieħed mill-eżaminaturi għall-poeżija, fil-waqt li Bonnici kien wieħed minn dawk tal-proża. It-tweġiba għal din l-istedina tal-Għaqda rnexxiet u l-għadd ta' kitbiet li daħlu għall-konkorsi kien ġmielu. Haġa li l-eżaminaturi qalu ma kenux jistennewha, kienet li l-proża rebħet lill-poeżija u n-novelli kienu aħjar ħafna mill-poeżiji li ntbagħtu. B'dana kollu r-riżultat ma tal-Konkors ma setax ma jferraħx lil dawk kollha li kienu jgħożżu l-Ilsien Malti u jqawwi l-qalb ta' dawk li kien jaħdmu biex dak l-ilsien jiġi 'l quddiem.

Hidma oħra tal-Għaqda kienet dak li tħabrek biex tinġabru flimkien il-kitbiet ta' l-imgħoddi, imxerrda f'xi gazzetti minsija u oħrajn f'kotba li ma kont issib tixrihom imkien. *Leħen il-Malti* ipprova jħajjar lill-Gvern biex jidħol għal din il-biċċa xogħol; iżda fl-istess ħin wiegħed li ma kienx bi ħsiebu jħalli l-idea tisfa fix-xejn u li kien ser jagħmel ħiltu kollha biex dik l-idea sseħħ. Bħala bidu, is-seba' għadd ta' *Leħen il-Malti* ippublika damma ta' poeżiji qodma mill-kitba ewlienija bil-Malti miġbura b'sabar u mħabba kbira minn Ninu Cremona, *bil-ħsieb,* kif hu stqarr, *mhux li turi l-ħlewwa, il-ġmiel jew il-qawwa tal-vers Malti sa minn żmien l-ewwel għajta tiegħu, iżda bħala tifkira ta' dak il-ftit weraq niexef minn xtieli*

*xagħrija li dehru l-euuel darba fil-ġnien, il-lum imżejjen ġmielu tal-kitba Maltija.*

F'Ottubru ta' l-1931, seba' xhur wara li l-Għaqda twieldet, Rużar Briffa kellu jħalli minn president u direttur ta' *Leħen il-Malti* għaliex kellu jitbiegħed minn gżiritna biex ikompli l-istudji tiegħu barra. *Tistgħu tobsru b'liema għafsa ta' qalb,* hu qal lill-qarrejja, *ser ninfired minn xogħol bekk għal qalbi. Ħaġa waħda iżda tnaqqasli ftit minn din id-diqa: It-Tabib Ġużè Bonnici sejjer jibqa' direttur.*

Biex ix-xogħol li kien beda seta' jibqa' miexi kien jinħtieġu ħila, ħeġġa u qalb qawwija: *Tasseu illi l-lum ngħoddu ħafna ħbieb,* hu qal fit-tislima tiegħu, *imma ngħoddu ukoll bosta għedeuua. Mhux għax imissu ikun hekk, imma mur seuui d-dinja*

Nizzuħajr 'l Alla, minn dak iż-żmien id-dinja ssewwiet ħafna. L-*Għaqda tal-Malti* li Briffa waqqaf għadha tgħix mimlija bil-għomor u tikber u tissaħħaħ. Intesew il-għama u l-bluha li fil-bidu ġagħlu ħafna jistmerruha u joboghduha u ma baqax ħlief li niftakru u nfakkru d-dehen u l-imħabba li tawha l-ħajja u seddquha.

Meta Rużar Briffa kien imsiefer, Ġorġ Pisani kitiblu poeżija fejn qallu:

*Tassew li qalbek għadha fostna tgħanni*
*Fil-versi msaħħra illi ktibt għalina;*
*Imm'aħna rridu li ngħożżuk ma' ġenbna*
*La darba int tagħna f'dik il-pinna rżina.*
*Iva int għad tiġi; dak il-jum iżernaq,*
*U miegħu nitma li s-smewwiet inewwel*
*Li fih int tara kollha mseħħa l-ħolma*
*Li int, poeta, ħlomt u xtaqt mill-ewwel.*

U Rużar reġa' ġie u kompla bla heda jaħdem għal dak li kien iħobb u jemmen fih, jikteb u jżejjen Ilsien Art Twelidu.

Issa mar minn fejn ma jerġax jiġi. Imma ismu jibqa' fostna li ħdimna u ħabbejna miegħu Lsienna, u għal dejjem fost dawk ta' warajna bħala wirt ta' ġieħ li hu ħalla lil Gżiritna.



R. Briffa llawrajt tabib fil-medicina (M.D.) fis-sena 1932.

# B'TIFKIRA TAL-POETA RUŻAR BRIFFA (1906-1963)*

Ta' Ġ. AQUILINA

FIT-22 tax-xahar ta' Frar miet Rużar Briffa, il-poeta illi eluf ta' żgħażagħ Maltin u Għawdxin qraw u ħabbu l-poeżija tiegħu. Kull poeta, minnu nnifsu, hu bniedem waħdu, joħloq dinja għalih, igħix fiha, bil-ferħ win-niket li l-ħajja tagħti lil kull wieħed minna. Għedtilkom li l-poeta jgħix waħdu, fid-dinja bla fruntieri tal-poeżija, imma ġo did-dinja li joħloq jidħlu warajh dawk kollha li jħobbu d-dinja ta' l-immaġinazzjoni li l-poeta ikun ħalaq għalih u għal dawk li jħobbu bħalu u miegħu.

Fil-għomor ta' 57 sena li laħaq għex, Rużar Briffa qassam ħajtu għal xi snin fl-Università ta' Malta, fejn ħa d-Dottorat tal-Mediċina, fil-klinika tiegħu ta' speċjalista tal-mard tal-ġilda, u f'dinja oħra li semmejtilkom, dinja spiritwali bla fruntieri, id-dinja tal-poeżija. Malli smajt bl-aħbar tal-mewt ta' Rużar Briffa, mill-ewwel għaddieli minn moħħi l-ħsieb li għandha ssir tifkira ta' dan il-poeta, ħalli kulħadd ikun jaf min huwa u x'wirt ta' poeżija lirika ħalla lill-poplu Malti.

Rużar Briffa twieled il-Belt, minn Duminku u Ġannina Briffa, imwielda Debono, fis-16 ta' Jannar, 1906. Studja fl-iskola tal-Gvern, il-Liċeo, l-Università, fejn fl-1922 ħa l-grad ta' B.Sc. u d-Dottorat M.D. fl-1932. Wara għamel kors ta' studji fl-*Institute of Dermatology*, f'St. Thomas Hospital, Londra, u fil-*Calcutta School of Tropical Diseases*, fl-Indja. Laħaq Assistent Uffiċjal Mediku tal-mard tal-ġilda fl-isptar Ċentrali, speċjalista fl-isptar ta' San Bartilmew, Malta, u ta' Chambray, Għawdex. Kien speċjalista Onorarju għall-mard tal-ġilda fil-*Malta War Memorial Hospital for Children*. Flimkien ma' Dr. Ġużè Bonnici waqqaf l-*Għaqda tal-Malti* (Università) fl-1931, u ħareġ *Leħen il-Malti* fl-istess sena.

Dawn huma l-linji ġenerali tal-ħajja u karriera ta' Rużar Briffa. Kien speċjalista tajjeb fil-branka tiegħu. Imma aħna f'dan il-programm ser infakkru l-wirt li ħalla wrajh għal dejjem lill-poplu Malti – il-għana tiegħu miġbur fi ktieb jismu *Poeżiji*, stampat fl-1960, u l-ewwel ħidma tiegħu biex fost l-istudenti titwaqqaf *Għaqda* għall-istudju u kitba tal-ilsien Malti. L-ewwel għadd ta' *Leħen il-Malti* ħareġ f'Marzu tal-1931 – tnejn u tletin sena ilu, u minn dik is-sena 'l hawn baqa' u għadu joħroġ taħt l-istess bandiera Nazzjonali ta' "Malta fl-Ilsien u l-Qalb, Malta Maltija". Żewġt iħbieb, il-lum it-tnejn mejta, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, hekk

* Kummentarju għall-programm tat-Television li sar fis-17 ta' Marzu 1963 f'ġieħ Rużar Briffa.

kitbu fil-*Kelmtejn ta' Qabel*, għall-ewwel għadd ta' *Leħen il-Malti*:

Kienet ħaġa wisq xierqa li l-istudenti ta' l-Università tagħna jieħdu sehem fix-xejra ġdida li qiegħed jieħu l-Malti bħala lsien letterarju.

Minn mindu l-Prof. G. A. Vassallo, li kien igħallem it-Taljan fl-Università, ħa f'idejh il-Malti u għall-ewwel darba kitbu tajjeb, sabiħ, u rżin, tħajru jagħmlu bħalu nies oħra ta' għerf kbir fl-ilsna barranija bħal Ġ. Muscat Azzopardi P.L., Mons. C. Psaila, Prof. A. Cuschieri u Dr. C. Mifsud Bonnici.

Għalhekk kien jixraq li fejn jimxu l-kbar jimxu wkoll iż-żgħar. B'dan il-ħsieb ser jibda joħroġ dan il-*Leħen il-Malti*. Ser jitħabat u jgħin kemm jista' biex il-Malti jkollu letteratura li tixraqlu. Xejn iżjed u xejn inqas.

Intom tafu kemm ingħoġob dak il-għadd barrani li l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* kienet ħarġet minn qalb l-istudenti. Sa minn barra minn Malta bagħtu jfaħħruna. Ma hemmx għaliex ma jirnexxis ukoll dan il-Leħen.

Il-Kittieba ser ikunu gradwati u studenti biss. Mhux għax kieku ma nixtiqux li nies oħra jiktbulna, imma aħna ma rridu nidħlu fil-għalqa ta' ħadd. *Il-Malti* li toħroġ il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* għadu ħaj u miexi ġmielu u ma beħsibniex nisirqulu xejn minn ħajtu. Ikun dnub kbir li ħadd ma jaħfirulna.

U fl-aħħarnett tajjeb li tkunu tafu li aħna għamilna wegħda sħiħa li fil-pulitka ma nindaħlu xejn u f'xejn.

"Aħna ħbieb ma' kulħadd u għedewwa ta' ħadd.
Mela hu dmir tagħkom li tgħinuna".

F'dan l-ewwel numru ta' *Leħen il-Malti* kitbu Sir Temistokle Zammit, il-Fundatur tal-Mużew Malti, u l-istudenti Anton Buttiġieġ u Ġużè Aquilina. Fil-lista tal-Kumitat, bħala President jidher Rużar Briffa, bħala Segretarju, ir-rumanzier Ġużè Bonnici u bħala kaxxier l-istudent A.J. Mamo, il-lum President tal-Qrati; u bħala membri l-istudenti tal-mediċina A. Buttigieg, W.L. Fava, u M.L. Sammut.

Fil-faċċata ta' wara dehret l-ewwel poeżija ta' Rużar Briffa f'*Leħen il-Malti*, li bħalha ppruvaw jiktbu ħafna imma ħadd ma laħaqha. Din hija l-*Ballata:*

*Kull fl-għaxija x'ħin id-dalma*
*Tifrex tulha u l-ħajja tnin,*
*Minn ġo Knisja mwarrba, siekta,*
*Jidwi leħen. Ilu s-snin*



Ġużè Bonnici, kollega tal-poeta, student miegħu fl-Università,
u ma' Briffa wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tal-Malti (Università).

*B'karba mnikkta, b'rogħda kbira*
*Lil min jersaq issemmagħlu*
*Din il-ġrajja ta' żmien ilu.*
*Tisma' n-nies; titniebed bħalu.*

*Ieqaf hemm! Hawnbekk le jidħol*
*Min minn qalbu 'l bogħod l-imħabba,*
*Ġrajja kiefra hawnbekk tnisslet:*
*Maqdes Alla b'demm ittabba'.*

Rużar Briffa dam Editur ta' *Leħen il-Malti* sas-sena 1931. Fil-ħarġa ta' Ottubru hu kiteb *Kliem il-Firda:*

> Kif qed taraw ismi tneħħa minn fuq ir-ras ta' dan il-ktieb. Ma ngħoddx iżjed mad-diretturi ta' *Leħen il-Malti* għaliex ikolli nitbiegħed mill-Gżira tagħna. Tistgħu tobsru b'liema għafsa ta' qalb ser ninfired minn xogħol hekk għal qalbi. Haġa waħda iżda tnaqqasli ftit minn din id-dieqa. It-Tabib Ġużè Bonnici sejjer jibqa' direttur.
>
> It-tabib Bonnici huwa żagħżugħ ta' ħila kbira, mhux fil-Malti biss, imma f'kollox. Lilna, imma, jolqotna l-iżjed il-Malti. Jiena naf illi ħabibi Bonnici jibqa' jmexxi dan il-*Leħen* b'għaqal kbir. Jiena nafu b'żagħżugħ ħabrieki.
>
> Hekk jinħtieġ: ħila, ħeġġa, qalb qawwija. Tassew illi l-lum ngħoddu ħafna ħbieb, imma ngħoddu wkoll bosta egħdewwa. Mhux għax imissu jkun hekk, imma mur sewwi d-dinja. Lill-ħbieb irid wieħed iżommhom magħquda magħna għax jekk jinfirdu minna naqgħu bil-fors; lill-egħdewwa ma ngħidulhom xejn. Inħalluhom iħanbqu kemm iridu, inħarsu lejhom bil-ħniena u nżommu għajnejna fuqhom biex ma jagħmlulniex ħsara.
>
> L-ilsien Malti miexi sewwa. Kien tarbija u l-lum beda jitfarfar. Aħna niftaħru li l-għajnuna tagħna swiet bosta. Tajnieha u bi ħsiebna nibqgħu natuha. Il-ħolm tagħna jwassal ħafna. It-tħanbiq tal-egħdewwa mhux biżżejjed biex iċekken dan il-ħolm.
>
> Għalhekk jixirqilna l-ħbiberija ta' min iħobb il-Malti. Ejjew magħna, iktbulna u fuq kollox ħallu lit-Tabib Bonnici imexxikom. It-triq hu jafha tajjeb. Jekk imexxikhom hu żgur li ma tintilfux.

Meta Rużar Briffa reġa' lura speċjalista tal-ġilda, huwa ma sabx żmien iżjed jieħu sehem fl-attivitajiet tal-*Għaqda tal-Malti* (Università). Imma ma kellux għalfejn jiddejjaq, għaliex iż-żerriegħa li kienu żergħu u saqqew hu u ħabibu Ġużè Bonnici kienet kibret u saret siġra msoqqija mill-ħbieb oħra tal-Lsien Malti, li ħarġu minn ġol-moviment Universitarju mibni minnhom.

Imma l-poeżija ma telaqhiex, għax lanqas kieku ried ma seta' jitlaqha. Il-poeżija għalih kienet bżonn; kienet, biex ingħid hekk, it-tabib tat-tabib. Kien għadu żagħżugħ ta' 21 sena meta f'poeżija li kiteb lill-ħabib tiegħu Francesco Saver Caruana, l-ewwel segretarju tal-*Għaqda tal-Kittieba* qallu:

*Trid taf, Saver, jekk għadx nissokta ngħanni*
*la jaslu fuqi s-snin minn tat-tbatija?*
*'Ma x'nagħmel jien jekk tiskot ġewwa qalbi*
*il-għanja ħelwa, l-għanja taż-żgħożija?*

*Kif nista' qatt inbiegħed minni l-ħolma*
*li jien stess ħlaqt ħa ssabbar ftit 'il qalbi?*
*Min jiġi mbagħad ħa jħennen lil di' ħajti*
*u jraġġa' għas-Sew lil xewqti, 'l ħsiebi, 'l talbi?*

*Int taf, Saver, inżomm il-ħajja b'fiergħa,*
*u aktarx li jiena sirt ma nemmen f'ħadd,*
*'ma x'jibqa' fija jien, jekk nieħad ħolmti*
*u nisfa bniedem — hekk — bħal m'hu kulħadd?*

*Mhux hekk, Saver, mhux hekk, jien irrid ħajti.*
*Twelidt ħa ngħix, ħa mmut wara s-Sbuħija,*
*ħa ngħolli ħsiebi fuq il-ħsieb ta' sħabi,*
*twelidt ħa ngħanni dejjem sax-Xjuħija.*

*W'ekk qatt għad tebda din il-ħrara tiegħi*
*u ħsiebi iżjed ma jissaħħar b'xejn,*
*jien neqred għala dejjem din il-ħajja*
*għaliex tkun fiergħa, tkun ma tiswa għal xejn.*

*Imb'għad, Saver, int li tkun taf bil-ħolma*
*— il-ħolma għażiża li sebbħitli l-ħajja —*
*ejja fuq qabri, naqqax fuq l-irħama:*
*'Hu miet għax le ma xtaq ikun mal-qtajja'.'*

U tabilħaqq baqa' jikteb sa' l-aħħar ġranet qabel miet. L-armla tiegħu Louisette sabitlu poeżiji wara mewtu li kien kitibhom ma' tul il-marda. Dawn il-poeżiji qosra, x'uħud minnhom frak ta' poeżija mgħaġġla, huma xhieda ta' mistrieħ ir-ruħ li l-poeta baqa' jsib fil-kitba tal-poeżija. Rużar Briffa kien poeta liriku, il-poeta ta' l-ispirazzjoni li tleħħ u tintefa f'daqqa, u għalhekk biex ma jħallihiex taħrab kien jikteb dak li jħoss fuq kull biċċa karta li kien isib dak il-ħin, anki fil-paġna tal-ktieb tal-appunta-



F.S. Caruana, l-ewwel Segretarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ħabib kbir tal-poeta.

menti ta' l-ispiżerija, fuq borża, basta l-mument ta' l-inspirazzjoni jorbtu biex ma jħallihx jaħrab. Fuq borża tal-karti kiteb din il-poeżija li ġejja:

## DAWL L-ETERNITÀ

*Igħixu fid-dlam.*
*Id-dud iħaffer gallarija*
*Taħt l-art*
*Ferħan*
*Li fl-aħħar sab mid-dawl serħan.*
*Ma d-dawl hu tqil*
*U jixgħel xorta waħda*
*Fuq ferħ u ċaħda.*

*'Ma l-bniedem dawl irid:*
*Tad-dawl is-sid*
*Ix-xewqa tiegħu*
*U xemx, qamar u kwiekeb*
*Hu jrid miegħu*
*Għat-triq*
*Li forsi għall-imkien*
*Jew forsi għal kullimkien?*
*Daqxejn ta' Bomba Atomika*
*U d-dawl ma' kullimkien*
*U fuq id-dinja l-herba*
*U fuq palazzi għal bnedmin*
*il-ħofra tal-firien.*

*Iżd' hemm il-kelma Eterna*
*Li tiddi kull żmien*
*Tiddi bla ebda fisika*
*Fuq l-univers għajjien.*

Rużar Briffa, fil-poeżija tiegħu, ittratta diversi motivi – fost dawn il-patrijottiżmu Malti. Insemmu l-ewwel poeżija *Ġens il-Malti* li kitibha fl-1925, meta kien għad għandu dsatax-il sena, u dik il-poeżija l-oħra l-aktar magħrufa, *L-Innu Malti u l-Kotra*, miktub b'tifkira tal-protesta tal-Maltin fl-Istadium fil-25 ta' Marzu, 1955, għax ma ndaqqx l-*Innu Malti* flimkien ma' l-*Innu Jugoslav* u l-Ingliż fil-partita *Hajduks* vs. *Malta*. Isimgħuh:

*U l-Kotra qamet f'daqqa u għajtet: 'Jien Maltija!'*
*Miskin min ikasbarni, miskin min jidħak bija!*

*U l-Kotra għanniet f'daqqa w semmgħet ma' l-irjieħ*
*l-Innu ta' Malta tagħna, wil-leħen kien rebbieħ*

*fuq ngħas l-imgħoddi ġwejjef, in-ngħas ta' l-Apatija*
*x'ħin ruħna kienet rieqda ġo sodda barranija.*

*u l-ombra ta' Vassalli qamet minn qiegħ il-qabar*
*u għajtet 'Issa fl-aħħar jiena sa nsib is-sabar.'*

Imma n-nota li tinħass l-aktar fil-poeżija tiegħu hija dik ta' swied il-qalb, is-sens ta' solitudini u ta' għeja u ta' illużjoni li nħossu fil-poeżija *Għajjiena le Xebgħana, Il-Għanja ta' l-Imħabba, Lil Għasfur igħanni, l-Anestesija,* u poeżiji oħra.

Rużar Briffa kien biss bniedem melankoniku u mhux pessimista. Il-melankonija tiegħu kienet dik li toħroġ mid-dulur tal-ħajja, imma l-ispirtu kien u baqa' reliġjuż. Isimgħu din il-poeżija ta' atmosfera, *Fl-Ave Marija:*

*Doqq, o qanpiena,*
*Sabar 'l-imdejjaq, lil min dineb ħniena,*
*Serħ lill-għajjiena.*

*Kull filgħaxija*
*Nessi lid-dinja l-għanja tal-moħqrija*
*U tat-tbatija.*

*Bosta batejna,*
*It-triq tas-Sewwa, il-għerf tal-Hajja nsejna,*
*Għalbekk għajejna.*

*'Ma filgħaxija*
*Nessina l-għelt, il-ġlied, nessina l-ħtija.*
*Ave Marija.*

F'poeżija oħra *Tristis Est Anima Mea,* il-poeta jinterpreta d-dulur ta' Bin Alla ittradut:

*Fil-ħemda tal-Ġetsemani,*
*f'misteru ta' bil-lej',*
*Kien waħdu,*
*Waħdu,*
*Waħdu*
*Qed jitlob il-Feddej.*

*Ma sabx min jisbar miegħu*
*U jaqsam id-diq tiegħu,*

*U waħdu,*
*Waħdu,*
*Waħdu,*
*Beka bid-dmugħ tad-demm,*
*Għax lemaħ it-traġedja*
*Ta' Ġerusalemm.*

*U wara sallbuh,*
*U wara qatluh!*

*Elfejn sena wara*
*Ank' aħna nichdub!*

Imma waħda mill-poeżiji tiegħu l-aktar magħrufa u l-aktar sbieħ hija *Wieħed Biss,* mibnija fuq il-ġrajja ta' Ġesù li ħafer il-mara midinba u qajjem għalih il-mibegħda tal-Fariżej. Dil-poeżija, daqs kemm laqtitu, Dun Karm kiteb poeżija oħra bi twieġiba għaliha jisimha *Waħda Biss.*

*Elf wieħed kien jafha,*
*elf wieħed kien ġarrab xofftejha,*
*il-mara ħażina,*
*il-mara taż-żina...*
*ħadd minnhom ma xxotta 'l għajnejha.*

*Min ħabbha fl-għaxija,*
*u dilek lil xuxtha bil-fwieħa*
*stkerraħha filgħodu,*
*u sammar dnubietha ma' ġieħha.*
*Hammarha,*
*għajjarha:*
*'Il-mara tad-dnub.'*

*Biss Wieħed*
*sellmilha bil-ħniena,*
*le riedha għarkobbtejha,*
*mesħilha 'l għajnejha*
*u tenna dal-kliem:*
*'Daqs kemm int ħabbejt,*
*daqsbekk qalbek fdejt:*
*terġax: mur bis-sliem.'*

*U tkexkxet il-kotra miġmugħa fil-qrib,*
*u ħolmot għal Wieħed il-mewt fuq Salib.*

L-uġigħ tal-mard u l-biża' tal-mewt ħafna drabi jnixxfu il-għajn tal-poeżija. Imma f'Rużar Briffa, il-għajn ta' l-għana ma nixfetx, u lanqas l-ilwien tal-fantasija ma ntfew u għebu, kif naraw minn għanja jisimha *Il-Ballata tal-Funtana,* li hu kiteb 'l Barrakka ta' fuq, fejn kien iħobb imur dan l-aħħar, ispirat mill-ilma ta' vaska li qiegħda hemm. Dil-poeżija mhix stampata taħa lil Patri Valentin Barbara, Dumnikan.

Isimgħuha:

*U qniepen, qniepen, qniepen,*
*Qniepen viċin, fil-bogħod,*
*Leħinhom f'dell l-għaxija*
*Minn fomm il-għajn jirtgħod –*
*Funtana Misterjuża*
*Ta' ħolm u ta' xewqat.*

*Għanjiet taż-żmien warrani*
*Fit-tempji ilhom mitfija;*
*'Ma llum minn ġol-Funtana*
*Mill-ġdid il-Liturġija –*
*Funtana misterjuża*
*Ta' ħolm u ta' xewqat.*

*Bakkan fiċ-ċimiterji*
*Fis-sħarijiet tal-qamar,*
*U ż-żifna minn dlam l-Alkovi...*
*Titniebed l-għajn bla sabar –*
*Funtana misterjuża*
*Ta' ħolm u ta' xewqat.*

Il-poeta, fl-aħħar sentejn ta' ħajtu għex wiċċ imb'wiċċ mad-dulur. Imma għalih it-tama fil-ħajja aħjar, baqgħet dejjem tiddi bħal kewkba kbira wara sħab oħxon u iswed. Sab is-sabar fl-imħabba ta' martu Louisette u bintu Celia, u fil-ħbiberija ta' nies li ħabb u ħabbewh.

Miet ta' Nisrani, rassenjat, għalkemm kien jaf li l-marda tiegħu kiefra kienet sa toqtlu. B'xorti tajba, fit-28 ta' Marzu, 1962, ilħaqt għamiltlu intervista bit-*tape recorder* ta' l-Università għall-istudenti tiegħi. Għamiltlu diversi mistoqsijiet. Tlabtu jaqra l-poeżija *Lil Ommi:*

'Qabel naqraha, irrid ngħidilkom li ommi għadha kemm mietet fit-tlieta ta' dax-xahar, u, barra milli qed noffriha lilkom biex tapprezzawha skond kif jidhrilkom intom, noffriha wkoll għall-memorja ta' ommi, li spiratli din il-poeżija, u, illi dejjem interessat ruħha filli tara u tkun taf kif jien miexi f'dak li hija l-karriera tiegħi'.

*Bennini ħa norqod,*
*bennini bil-ħlewwa,*
*kull diqa nessini,*
*nessini kull dnewwa;*

*bennini bil-lajma*
*ta' leħnek jirtgħod;*
*benninni, benninni,*
*bekk, bekka, bil-mod.*

*Aħbili 'l bemm barra*
*qed jokrob ir-riħ,*
*bħal ruħ qiegħda tfittex,*
*għalxej, il-mistrieħ.*

*Benninni, benninni,*
*nessini kull diqa;*
*benninni bħal meta*
*kont ċkejken fin-nieqa;*

*wil-għanja tennili*
*— il-għanja ta' dari —*
*tat-tfajjel imqareb*
*mitluf ġewwa x-xagħri.*

*'Iżd'ommu wisq talbet*
*lit-twajjeb Bambin,*
*u Dan it-triq sablu*
*għaliex Hu ħanin'.*

*Jien ġrali bħat-tfajjel,*
*tbegħidt wisq mid-dar;*
*u kollox sibt bieni*
*sakemm il-lejl sar,*

*u nfirxet ir-reżħa*
*w id-dlam fuq ix-xagħri,*
*u sfajt għajjien mejjet,*
*imriegħex minn dwari.*

*Fejn taf, għażiża ommi,*
*kemm ra l-iben tiegħek,*
*minn xħin telaq daru*
*u nfired minn miegħek.*

*Benninni, benninni,*
*fissidni bħal dari;*
*bekk... bekk... iva daħħal*
*subgħajk ġewwa xagħri;*

*w għannili bil-ħlewwa*
*il-għanja tas-sewwa.*

# TIFKIRIET TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' Ġ. CASSAR PULLICINO

INSIBHA bi tqila naqbad nitkellem fuq Rużar Briffa. L-ewwelnett meta bniedem tkun tafu u ħabib tal-qalb miegħu donnok daqs kemm trid tgħid titfixkel imnejn tibda u tispiċċa biex ma ssemmi xejn sewwa minn dak li trid. U t-tieni, meta jkun bniedem bħal Rużar Briffa, li kellu ħafna ħbieb u bosta ammiraturi tal-versi tiegħu, mhux la kemm tgħid xi ħaġa li ma jkunx qalha jew semmieha ħaddieħor. Għalhekk jiena sa naqbad linja personali, u se nitkellem fuq Rużar Briffa kif sirt nafu jien mindu ltqajt miegħu l-ewwel darba, daqs tnejn u għoxrin sena ilu, fi żmien il-gwerra, meta ġejt imsejjaħ bil-lieva u ħadt posti ma' ħafna oħrajn biex nersqu għall-vista tat-tabib, li nzerta kien it-tabib Briffa. Avolja ma kienx waqt, dak in-nhar tkellimna fuq il-Malti u fuq il-poeżija wkoll, u niftakar mort id-dar għallinqas ferħan li sirt naf lil Rużar Briffa, wara li kont diġà qrajt il-kitba tiegħu kollha li deħret f'*Leħen il-Malti* mindu kien beda joħroġ fl-1931.

Tul il-gwerra, imbagħad, sirna midħla sewwa ta' xulxin meta, għal xi żmien huwa kien Suprintendent tal-*Blue Sisters Hospital* fejn kien kemm xi feruti tal-gwerra, u jien ix-xogħol tiegħi fl-uffiċċju tas-Sanità kien ilaqqagħni miegħu. Wara, Rużar Briffa kien ġie jaħdem magħna l-uffiċċju bejn l-1942 u l-1944. Billi karozzi ma kenux jaħdmu f'nofs inhar dik il-ħabta konna nieklu xi ħaġa fl-uffiċċju, imbagħad konna mmorru flimkien il-Bibljoteka noqogħdu nqallbu xi manuskritti sakemm jerġa' jsir il-ħin biex nidħlu għax-xogħol. Fiż-żmien twil li domna hekk, stajt insir naf kemm ta' bilħaqq kellu għal qalbu l-istorja ta' Malta; kemm ħwejjeġ kien jaf u qalli bihom li llum spiċċaw; kemm xtaq li xi postijiet tinkiteb il-ġrajja tagħhom sewwa, bħalma huwa Lazzarett; u fuq kollox kemm fittex u kemm xtaq huwa stess jikteb l-istorja ta' l-isptar ta' Santu Spirtu, l-eqdem sptar li għad fadlilna ġo Malta sa minn żmien ta' qabel ġew il-Kavalieri ta' San Ġwann. Dwar dan l-interess tiegħu fl-istorja ta' Malta sirt naf ukoll kif, meta kien għadu jistudja fil-Liċeo, din l-imħabba kienet xegħlet fih u f'xi oħrajn sħabu u kienu għamlu bħal soċjetà ta' l-istorja u tħabtu biex jibqa' jingħata premju fost l-istudenti lil min jiġi l-ewwel fl-istorja ta' pajjiżna. Min jaqra sewwa l-poeżiji ta' Rużar Briffa jara malajr kif din il-ġibda li kellu għall-istorja ta' artna tidher ċara fil-versi tiegħu sa mill-ewwel poeżija li kiteb fis-sena 1925 meta fil-versi *Ġens il-Malti* kien għamel

dis-sejħa lil ħutu l-Maltin:

*Hija, ġo qalbek għożżha dit-tagħlima*
*li n-nies Maltija ġens mill-ewwelnett,*
*u qatt ma tista' ġġerraħ rix ħaddieħor*
*għax għandha tagħha.*

F'din il-ħabta li qed insemmi, jiġifieri 1943-44, nista' ngħid li għall-anqas il-poeżija *Dwejjaq Missirijietna* miktuba fis-6 ta' Frar 1943 kienet frott ta' dawn it-taħdidiet tagħna ġewwa l-Bibljoteka fejn konna ngħarblu flimkien id-dokumenti tal-qedem u nikkommentaw fuq id-destin tal-poplu tagħna maħkum mid-dwejjaq ta' ħajja inċerta u ta' ħakma barranija. Illum din il-poeżija ħafna jafuha, imma tajjeb nisiltu dawn il-biċċiet għal min ma semagħhom qatt:

*Is-Sultan qiegħed ġo Spanja,*
*Lejl u nhar jaħseb għall-ġlied,*
*Ma tilħaqx s'hemmhekk il-karba*
*Ta' l-ulied...*

*Ta' Likata bagħtu jgħidu*
*Illi l-qmuħ mbumiex ġejjin,*
*Sa l-iskejjen reġgħu vojta,*
*Misruqin.*

*Tas-Sultan il-Qaddej kburi*
*Ġo Sant' Anġlu qed jistrieħ,*
*Jekk il-but tal-Malti tqatta',*
*Tiegħu sħiħ.*

*Il-Maltin qegħdin ġo Malta,*
*U id-diq ta' qalbhom kbir,*
*Min jistenna b'xortih Pesta,*
*Min Irsir.*

*O San Rokku, ħenn għalihom,*
*Tinsihomx, O San Bastjan:*
*Reġġgħu lura l-marda kiefra,*
*Ftit serħan.*

*Illi tbiegħed lill-Kursari*
*Jitolbuk, o San Anard.*
*U li treġġa 'l-ulied nieqsa*
*Ġo dil-art.*

*U inti ommhom, o Marija,*
*O ħanina tinsiħomx,*
*F'dan il-ħemm u f'dan in-niket*
*Tħallihomx.*

U bħalha wkoll ifakkarni f'dak li kien iħobb igħid fuq il-belt qadima ta' Malta is-sunett tiegħu *L-Imdina*, miktub fl-1944:

*Kont l-isbaħ fost is-sbieħ, Omm l-ibliet tagħna,*
*Tal-Malti l-għaxqa, il-għira tal-Barrani,*
*waħdek fil-għoli, bħalek ħadd, setgħana,*
*imħarsa mid-dell għaqli tal-Warrani.*

*Mgħobbija b'elf salib kienu serħana*
*iħossu ruħhom biss il-fqir u l-għani*
*xħin lilhom tħaddan bid-dirgħajn felħana*
*u ttihom wens mill-qilla tal-Furbani.*

*Illum inżajt mil-leħħa ta' xbubitek,*
*u tfittex biss il-ħena tal-mistrieħ,*
*'ma sbejħa fost is-sbieħ sa fi xjuħitek.*

*Insiet in-nies tal-lum, ma nsewx l-erwieħ*
*ta' dari. Il-għanja sbejħa ta' tfulitek*
*għadha tinstama' tul l-erbat irjieħ.*

Haġa oħra li konna għamilna flimkien dik il-ħabta kellha x'taqsam mal-karti qodma u xi dokumenti dwar is-Sanità u l-isptarijiet li kienu ntradmu meta biċċa mill-uffiċċju tas-Sanità ntlaqtet bil-bombi fl-1942. Dawn il-karti kienu qegħdin jixxarrbu taħt ir-radam u Rużar Briffa u jien konna bil-paċenzja qlajniehom minn fejn kienu, naddafniehom mill-aħjar li stajna u maż-żmien imbagħad sibna fejn nagħmluhom biex ikunu jistgħu jintużaw minn nies interessati fl-istorja medika ta' pajjiżna.

Illum kulħadd jaf li *l-Għaqda tal-Malti* fost l-istudenti ta' l-Università kienu waqqfuha Rużar Briffa u Ġużè Bonnici. Briffa kien sikwit isemmi kif, biex jagħmlilhom il-qalb huma t-tnejn kienu marru għand Temi Zammit u talbuh igħinhom fil-ħsieb tagħhom. Dwar din il-laqgħa kiteb il-professur Saydon f'għeluq l-għaxar sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda, f'*Leħen il-Malti* (Marzu-April, 1941):

Kien jum ta' Jannar. Żewġ żgħażagħ, studenti tal-Università, kienu għand wieħed għaref, imdaħħal fiż-żmien, mixħut fuq siġġu tad-dirgħajn, b'ħafna karti u kotba quddiemu. Hdejn dak il-għaref, b'dik ħarstu mqita,

dawk iż-żgħażagħ ħassew ruħhom żgħar, żgħar, imma l-qadja li kellhom kienet kbira, u, bħal min jaf li qiegħed jaqdi dmir għoli, rabbew il-ħila u, għal ħin wieħed ma rawx il-bogħod li kien jifridhom minn dak il-għaref. Qalulu: "Professur, tħajjarna nwaqqfu Għaqda bejn l-istudenti tal-Università biex jitħarrġu fil-kitba tal-Malti. Nitolbuk, jekk jogħġbok, tgħinna". Ma' din l-aħbar wiċċ il-għaref iddawwal, tbissima ħafifa ġriet fuq xofftejh, għax kien hu nnifsu kittieb mill-aħjar tal-Malti u mixgħul bi ħrara kbira li jara l-kitba tal-Malti tirtaqam u tixtered, tħarrek kemm kemm fuq is-siġġu, donnu ħass qawwa ġewwinija tqanqlu, u qallhom: "Tajjeb, aħdmu dejjem; jien ngħinkom kemm nista'". Imma f'daqqa waħda d-dija ta' għajnejh iddallmet, it-tbissima ta' xufftejh intfiet, u lissen dawn il-kelmiet: "Nibża' li dan kollu nar tat-tiben". Nar tat-tiben? Xi drabi mqar il-għaref jitqarraq. U din id-darba l-professur għaref tqarraq ... L-Għaqda mwaqqfa miż-żewġ studenti żgħażagħ Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, li ftit wara saru tobba t-tnejn, għadha ħajja, qawwija u sħiħa...

Temi Zammit kellu influwenza kbira fuq Rużar Briffa. Bħala student għal tabib kien jammira l-għerf ta' Temi li kien qala' t-tifħir tal-barranin ukoll għall-ħidma tiegħu biex jinsab il-baċillu tad-Deni Rqiq; bħala kittieb li jħobb il-Malti kien jara fih bniedem li għalkemm xjenzat ma stmerrx jikteb bil-Malti; bħala Malti li jħobb 'il pajjiżu kien iħares lejn Temi bħala mudell ta' storiku u arkaeologu li kiteb fuq Malta, organizza l-Mużew nazzjonali u studja bil-għaqal it-tempji preistoriċi ta' pajjiżna. Għaqqad flimkien dawn it-tliet ħwejjeġ, u żid magħhom li meta beda l-kors fl-Università Temi Zammit kien għadu Rettur tal-Università, u tifhem malajr kif l-ewwel poeżija ta' Briffa, *Ġens il-Malti,* hija dedikata "Lill-professur Temi Zammit, għal kull ma għamel għal Ġensna", u kif l-ewwel kitba tiegħu proża, jisimha *Malta Qadima,* li dehret fit-tieni numru ta' *Il-Malti* fl-1925, kienet ispirata mill-istudji arkeoloġiċi li kienu qed isiru, sew minn barranin kif ukoll minn Despott u Temi Zammit, u għaliex ukoll għand Temi Zammit kienu marru Briffa u Bonnici meta ġew biex iwaqqfu l-*Għaqda tal-Malti* fost l-istudenti. Is-sentimenti ta' Briffa għal dik li hi storja ta' artna jinħassu fl-għeluq ta' dik il-kitba, li huwa iffirma bħala membru tas-*Società Malta Storica* li semmejna qabel: "... Mhux ta' xejn tara l-għorrief ta' barra mġenna fuq dawn l-imqades tagħna. Dan tafu l-għaliex? Għax jaħsbu illi fiż-żminijiet qodma li qegħdin insemmu Malta kienet "in-nieqa tal-għerf mnejn ħarġet iċ-ċiviltà ta' l-Ewropa". Din mhix ħolma tagħna, u lanqas qed ngħidu kliem fieragħ. Min jaqra dak li qegħdin jiktbu l-għorrief Taljani, Ingliżi, u fuq kollox Ġermaniżi jara li kull ma qegħdin ngħidu kollu

minnu. J'Alla jseħħ dan il-ħsieb tagħhom, u Alla m'għamilna. Imbagħad, inkunu nistgħu ngħidu u niftaħru li *Ex Melita lux* – minn Malta ħareġ il-Għerf.

Barra t-twaqqif ta' *l-Għaqda tal-Malti,* l-idea ta' ġurnal letterarju bil-Malti fost l-istudenti kienet ilha li nibtet f'moħħ Rużar Briffa mis-sena 1926 meta, bħala student għadu kemm jibda l-kors u li kien diġa' beda jikteb f'*Il-Malti* ta' l-*Għaqda tal-Kittieba,* huwa kien edita numru speċjali ta' *Il-Malti,* mimli kollu kitba ta' studenti, fosthom Rużar Briffa, Ġużè Bonnici, it-tabib Ġużè Galea u J.P. Vassallo, illum Direttur ta' l-Edukazzjoni. Dik il-ħabta kien għadu direttur tal-*Malti* Ġużè Muscat Azzopardi li għoġbu jwassal dan il-għadd speċjali "lill-Imseħbin f'*Il-Malti*" b'dawn il-kelmtejn qabel:

> Dan il-għadd ta' *Il-Malti* hu miktub minn żgħażagħ studenti ta' l-Università tagħna – żgħażagħ magħrufin biżżejjed għall-ħeġġa u l-imħabba għal dak li jġib l-isem maħbub ta' Malti. U l-ħruġ tiegħu wkoll ħallejnieh f'idejn wieħed minnhom – is-sur R. Briffa – biex ikun kollox tagħhom għad li jġib l-isem ta' *Il-Malti* u għalhekk għandu jirtabat ma' sħabu biex jagħlaq it-tieni sena. Mela, fil-ħin li nżżu ħajr u nqawwu qalb dawn iż-żgħażagħ studenti, nitolbu lill-qarrejja ta' *Il-Malti* li jilqgħu dan il-ktieb bħala ġawhra żgħira fil-kuruna letterarja ta' ras il-għażiża Malta tagħna. – Ġ. Muscat Azzopardi, 31.12.1926.

Fl-istess data Rużar Briffa kien kiteb ukoll dal-kelmiet:

> Nżżu ħajr lill-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* talli għoġobha tifthilna bwiebha biex tħallina nuru għerfna f'darha; lill-professur Thomas Agius, Rettur ta' l-Università, talli ħalliena nżewqu dan il-ktieb żgħir bl-arma ta' l-Università, u fl-aħħarnett lil dawk kollha li għenuna biex għaqqadna dan il-għadd ta' *Il-Malti.*

Ma rridux ninsew li fost l-istudenti ta' dak iż-żmien kien beda jinħass il-bżonn li joħorġu rivista bħalma jagħmlu l-istudenti ta' universitajiet barranin, biex tilqa' l-kitba tagħhom u tħeġġiġhom għat-tiftix. F'dik l-istess sena li semmejna, l-1926, l-istudenti kienu bdew joħorġu rivista *Atheneum Melitense,* miktuba bl-Ingliż u bit-Taljan, u isem Rużar Briffa nsibuh minn ta' quddiem nett fil-ftit numri li kienu ħarġu. Darba kiteb fuq *Modern Progress* u darb'oħra ħareġ studju kritiku letterarju bit-Taljan – *Due Tragicommedie di Carlo Magri Maltese.* Għalhekk ma kenitx b'kumbinazzjoni li Rużar Briffa kien talab biex joħroġ numru speċjali ta' *Il-Malti* għall-kitba ta' l-istudenti – numru li tista' tgħid kien iż-żerriegħa li minnu wara nibet *Leħen il-Malti* fl-1931.



R. Briffa qabel ma telaq l-Indja (1938) fejn
kellu jagħmel xogħol u studji qalb il-Lebbrużi.

Barra dan it-tagħrif, f'dawk is-snin li konna midħla ta' xulxin kelli wkoll okkażjoni nħajjar lil Rużar Briffa biex jerġa' jibda jistampa xi poeżiji. Mill-ktieb tiegħu *Poeżiji* li ħareġ fl-1960 jidher li, fil-fatt, il-Poeta baqa' jikteb versi tul il-gwerra kollha, ngħidu aħna *Ave Marija* (waqt il-Blitz), 8/11/40; *Quam Tristis fuit Illa* (1941); *Korla* (1942). Imma dawn ma kinux ġew stampati. U għal żmien twil Rużar Briffa kien igħidli illi ma kienx bi ħsiebu jistampa poeżiji aktar. Kien jidhirlu li m'għandux jikteb iżjed għax kien iħossha wisq il-miżerja tan-nies li l-professjoni tiegħu kienet xeħtitu qalbhom. Fl-1938 kien diġa fisser ilgħala kellu jiskot mill-għana tiegħu:

## FL-INDJA

*... u jiena smajt id-daħka,*
*id-daħka ħadranija*
*ta' mitt lebbruż u wieħed*
*fil-waħx ta' filgħaxija;*

*u demmi kesaħ fija,*
*għall-ewwel darba mitt:*
*għal żmien indfint ħaj mejjet,*
*għal żmien mill-għana skitt.*

Jiena kont nagħmel li nista' biex inneħħilu dal-ħsieb minn moħħu u nħajjru jerġa' jibda jistampa. U darba, bla ma kont nistennieha, urieni poeżija u qalli, "Hawn ara, ktibtlek poeżija, imma mhux biex tistampaha". Kien jisimha *Il-Għanja tal-Imġiddem,* ġawhra ta' poeżija li hu ma ried jistampa bl-ebda mod ħlief wara li biddel l-isem u għamlu *Il-Għanja ta' l-Imnikket.* Din il-poeżija miktuba fit-28 ta' Jannar, 1943 għaddejtha minnufih lill-professur Aquilina u dehret f'*Leħen il-Malti* fil-ħarġa ta' Jannar/Ġunju ta' dik is-sena. Wara din kien tani bosta poeżiji oħra li jiena kont irranġajt biex jidhru f'*Leħen il-Malti,* u xi waħda wkoll f'*Il-Malti.* Għal min irid jara l-iżvilupp ta' dan il perijodu fil-publikazzjoni tal-versi tiegħu inġibu lista tal-poeżiji li dehru f'*Leħen il-Malti* u f'*Il-Malti* fis-snin li qed insemmu 1943-47 li jekk tqabbilhom ma' dawk li jaqgħu fl-istess perijodu fil-ġabra tiegħu tal-poeżiji malajr tara liema ma ġewx stampati dak iż-żmien:

**F'Leħen il-Malti**: *L-Għanja ta' l-Imnikket* (Jan.-Ġunju, 1943); *Għanja* (Lulju-Settembru, 1945); *Jum ir-Rebħa – 1945* (Jan.-Marzu, 1946); *Ejja, Grigal* (April-Ġunju, 1946); *Lil Binti waqt Air Raid* (Lulju-Settembru, 1946); *Jum ir-Rebħa* (Ottubru-Diċembru, 1946); *S. Ġwann fil-Blitz* (April-

Ġunju, 1947); *Il-Kurċifiss ta' l-Għolja* (Lulju-Settembru, 1947); *Lejlet is-Self Government* (Ottubru-Diċembru, 1947); *Quo Vadis?* (Jan.-Marzu, 1948); *L-Għanja ta' l-Emigranti Maltin* (Settembru-Diċembru, 1948).
**F'Il-Malti**: *L-Imdina* (Settembru, 1944); *Il-Kotra u Jiena* (qraha f'laqgħa akademika, il-Mużew, 29 t'April, 1945 (Ġunju, 1945); *Ballata* (1945).

U la semmejna din il-ġabra ta' poeżiji li dehret fl-1960 nixtieq infakkar fl-aħħarnett episodju li għandu x'jaqsam indirettament ma l-istampar tagħhom. Fl-1951, meta jien erġajt lura mill-istudji tiegħi fl-Ingilterra, kont ta' sikwit niltaqa' ma' Rużar Briffa u nħajjru biex jiġbor il-poeżija tiegħu fi ktieb. U darba ġiebli daqs ħames pitazzi jew aktar u qalli, "Dawn huma l-poeżiji tiegħi kollha li jiena ikkopjajt, bħalma ktibthom, għalija nnifsi". Jiena tlabtu biex iħallini naqrahom, ħadthom id-dar, qrajthom u, biex inħajjru jistampahom fi ktieb, kont ittajpjajtlu żewġ kopji u tajthomlu lura b'kollox. Niftakar kien ħa pjaċir u qalli li għad jistampahom. Disa' snin wara, bis-saħħa ta' martu Louisette u ta' Patri Valentin Barbara, dawk il-poeżiji li kien urieni, flimkien ma' ħafna oħrajn li laħaq kiteb mill-1951 'l hawn, dehru fi ktieb – ġabra ta' 115 il-poeżija – li jagħmlu flimkien ħannieqa ta' ġawhar li mingħajrhom kienet tkun ifqar ħafna il-poeżija Maltija għal dik li hija lirika ġenwina.

Barra dawn ftit għandi xi ngħid fuq Rużar Briffa li ma jafux ħaddieħor ukoll. Ngħid għalija lili, sa minn dawk is-snin meta konna nkunu flimkien fil-Bibljoteka, huwa dejjem għamilli l-qalb biex nissokta nfittex u nikteb dwar l-istorja, l-lingwa u l-folklore ta' Malta li jien għandi tant għal qalbi u li għalihom ħadt minn għand Rużar Briffa eżempju u nfluwenza tajba li ma ninsa qatt.

# TIFKIRIET TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' WALLACE PH. GULIA

LIL RUŻAR Briffa li għadu ħaj u jibqa' jgħix magħna fil-poeżija tiegħu sirt nafu ħafif u kont iltqajt miegħu meta wasalt għall-eżami tal-matrikola fl-1942. Kien f'dak iż-żmien li rajt għall-ewwel darba il-ħlewwa tas-sentiment li jaf bih kull min qara *Lil Ommi,* u t-tixniq tiegħu għal xi naġa isbaħ minn dik li taf tagħti d-dinja, li toħroġ minn versi milqutin hekk tajjeb bħal dawk fuq l-*Ave Marija* u l-versi l-oħra qalila li jibdew *Il-għotjien ta' l-oqbra ħfetħu!* u msejħin *Tbewdin.* Imma lill-bniedem li dfinna milux ma kontx iltqajt miegħu, u nistqarr li l-anqas biss ma kont naf jekk kienx mal-ħajjin jew mal-mejtin. Għalija kien biżżejjed li kien hemm il-versi tiegħu isebbħu l-għanja u l-poeżija Maltija, u f'moħħi kont inxebbaħhom mal-poeżija Ingliża li kont nistudja dik il-ħabta, u kont sibt li ma kellix għax nistħi minnhom; għax ħassejt li kienu bil-wisq isbaħ minn ħafna poeżijiet moderni Ingliżi li kelli għall-eżami dik il-ħabta. U dan kien saħħaħ il-fehma tiegħi li l-Malti f'idejn mgħallmin tajba ma kien ta' min jistħi minnu ħadd.

Imma meta nieqaf naħseb meta kien l-ewwel darba li ltqajt mal-bniedem li dfinna m'ilux ma niftakarx. Ma għandi l-ebda dubju la l-versi tiegħu kienu laqtuni hekk tajjeb, li għamilli impressjoni qawwija meta sirt nafu u ntroduċewni; iżda nħabbel rasi kemm inħabbel rasi għalxejn, għax dak l-inċident żgur li ħareġ minnha. U dan ma jistax jonqos għax f'Rużar Briffa l-iktar importanti kienet il-personalità tiegħu poetika u mhux dik fiżika, għalkemm f'din ta' l-aħħar kien għamel isem mhux ċkejken ukoll bħala speċjalista u *lecturer* fl-Università fuq il-mard tal-ġilda.

Imma xi darba jew oħra ltqajt miegħu għall-ewwel darba; ikolli ngħid li dan sar il-Belt fi Strada Rjali u jkolli naqta' wkoll kien Anton, il-lum it-Tabib Anton Agius Ferrante, li ntroduċihuli billi fl-ewwel snin tal-ħajja tiegħi fl-Università Anton kien Viċi-President u jien Segretarju tal-*Għaqda tal-Malti (Università)* u għalhekk konna ħbieb sewwa u naturalment Anton kien qiegħed jitgħallem taħtu u mbagħad Rużar Briffa kien figura familjari ħafna fil-Belt. U jkolli ngħid li għad hawn ħafna li jiftakruh ħiereġ jew dieħel fl-Ispiżerija li minn żmien għal żmien kien jattendi Strada Rjali, jew jieħu kafè għand Cordina fix-xitwa, jew fil-beraħ ta' Pjazza Reġina, il-*Premier,* fis-sajf. Iżda għalija mhumiex dawn it-tifkiriet l-aktar egħżież tal-poeta tagħna. Kien hemm sensiela ta' inċidenti oħrajn li xtaqt niftakar u nfakkar f'din il-kitba, għax minnhom joħroġ ukoll ir-raġel li l-poeta

l-għeja taqa' fuqek f'daqqa meta jkollok bejn il-ħamsa u tletin u l-erbgħin sena; u jekk Alla ħares qatt ikun hekk, imbagħad ma jkunux ħwejjeġ taċ-ċajt". Imma jien, jaħasra, għadni l-anqas illum ma naf nieħu dak il-parir, u fil-ħeġġa taż-żgħożija u l-ftuħ tal-irġulija, frankament ma tajtx kas; imma meta xi sena u nofs ilu, xi sitt xhur fuq li qbiżt il-ħamsa u tletin, imradt ftit ikraħ, ftakart fik Rużar u ntbaħt kemm tassew xtaqtli ġid, għal-kemm għalik, kif għal ħadd ieħor ma stajt kont xejn ħlief student daqsxejn fuq tiegħu, nebbiexi u x'naf jien! Imbagħad dawwar id-diskors fuq ħwejjeġ oħra. Feraħli tal-ħidma tiegħi f'bosta oqsma u spiċċa biex tani l-parir biex nara x'nagħmel u malli ntemm l-istudji tiegħi l-Università mmur imqar sena barra minn Malta, għax fil-fehma tiegħu, dak kien li kien għad jonqosni biex nilbes it-*toga virilis* tassew. Ma nistax ngħid li ma ħadtx il-parir tiegħu hawnhekk jew li ddispjaċini għax ħadtu.

Iktar 'il quddiem, imbagħad fil-ħajja, meta kont spiċċajt l-istudji tiegħi għall-eżamijiet, darba minnhom kont mistieden mill-*Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ* biex inkun eżaminatur f'konkors ta' poeżiji mniedi mill-istes għaqda flimkien ma' Dr. Rosario Briffa u s-Sur Marċell Mizzi. Nistqarr li ma ħaristx lejn ix-xogħol li dan il-konkors kellu jaqlagħli daqskemm lejn il-ferħa li nkun eżaminatur flimkien ma' dawk it-tnejn. Niftakar kien hemm għadd ġmielu ta' poeżiji x'naraw u hawnhekk kont intlaqatt mir-reqqa li biha Dr. Briffa kien jagħmel ix-xogħol tiegħu. Ma kienx kuntent li kull wieħed minna jara l-poeżiji waħdu, imma xtaq li fl-aħħar nerġgħu naraw kollox flimkien, u r-reqqa tiegħu kienet tikber, u kif, meta kien jara li hemm għażla ftit kbira bejn il-fehma tat-tliet eżaminaturi. Fl-aħħar meta ġejna biex nagħmlu r-rapport tagħna, niftakar li kien hu li ħa l-biċċa xogħol mhix ċkejkna li jabbozzah u niftakar ukoll b'liema attenzjoni qagħad biex ir-rapport ikun tassew ifisser il-fehma tagħna t-tlieta u mhux kif jiġri kultant minn min jabbozza, li joqgħod attent aktar biex ifisser il-fehmiet tiegħu milli dawk tal-oħrajn.

L-aħħar tliet tifkiriet tal-poeta tagħna huma personali għalija, imma ma nħossx li nista' f'kitba bħal din inħallihom barra. L-ewwel waħda minn dawn it-tlieta teħodni lura lejn il-jiem ta' qabel iż-żwieġ tiegħi. Kont xtaqt li kieku jkolli tifkira ta' dan il-jum sabiħ fil-ħajja ta' kulħadd, billi nagħmel takkwin ċkejken b'xi versi ta' awguri, u mill-ewwel ħsibt u ħsibt biss f'Rużar Briffa, u dan mingħajr ma nipprova nonqos b'xi mod lill-poeti l-oħra tal-ilsien tagħna. Kont mort sibtu l-*Crown Pharmacy*, billi dik il-ħabta kien qiegħed jipprattika hemmhekk, u meta tlabtu jistax jara jiktibx xi versi ta' awguri u tifkira, ma ġabha xejn bi kbira kif kont ħsibt li kellu mqejn iġibha. Imbagħad xi ġimgħa wara ltqajna l-Belt u ġie fuqi jiġri huwa stess u ħabbarli li kienet għoddha lesta. Xi jiem wara ġie u

tagħna kien.

Ma nafx mnejn u kif għandi nibda; biss naħseb li l-ewwel inċident personali li kelli kien dak ta' meta wara li kont ippublikajt ġabra tal-versi tiegħi kont mort u ħadtlu kopja awtografata fl-iżpiżerija *Economical* fejn kien jattendi dik il-ħabta. Niftakar li kien ħa gost ħafna li ftakart fih, imma qalli ċar u bla tlaqliq li ma kontx għamilt sew għax "Jekk il-kotba tal-Malti ma jinxtrawx minn dawk li jħobbu l-Malti, min kien sejjer jixtrihom?" kien iħoss li hu kien messu *xtara* u mhux irċieva kopja tal-ktieb tiegħi, xejn xejn biex jinkoraġġixxi student daqsxejn fuq tiegħu li ma bażax joħroġ għan-nofs qabel ma spiċċa l-istudji tiegħu. Insomma, hi kif inhi, minn dak in-nhar sal-jum li għalaq għajnejh naf u nħossni tassew imkabbar li Rużar Briffa kien jgħodd ruħu bħala ħabib tiegħi kif dejjem għaddejtu jien!

Imbagħad niftakar kemm kien jieħu gost kull meta kont nitolbu permess biex indaħħal xi poeżijiet tiegħu fil-*Matinée* u *Soiree Lyrique* li dik il-ħabta kont norganizza bħala Segretarju tal-*Għaqda tal-Malti (Università)*. F'dawk il-preżentazzjonijiet fejn bis-sabar tal-imħabba konna norbtu l-ħsebijiet u l-kliem Maltin ma' l-aqwa mużika tad-dinja, ma kienx jista' jonqos li l-poeżiji ta' Rużar Briffa jkollhom post tassew xieraq. Fost l-oħrajn konna daħħalna, darba minnhom, dik il-ġahwra fuq il-Maddalena li bħalha ma nafx jekk jistax ikun li qatt inkitbet f'xi letteratura tad-dinja *Wieħed Biss*, li niftakar kont smajt l-ewwel darba meta ħija kien qiegħed jistudja jgħajjat għal xi eżami tiegħu. Darba oħra konna daħħalna dik l-għanja ta' swied il-qalb, li tassew tmiss il-qiegħ tad-dwejjaq u l-għoli ta' l-ogħla quċċata tat-talb, l-*Għanja ta' l-Imnikket;* din ta' l-aħħar konna addattajna għaliha il-mużika msejħa *Longing* ta' Tschaikowsky. Kull darba l-effett kien ta' l-għaġeb, u kull darba wara r-rappreżentazzjoni, l-poeta kien jiġi juri l-ferħ tiegħu lill-organizzaturi u lil dawk li kienu rreċtaw il-poeżija tiegħu. Aħna konna nagħmlu li nistgħu biex il-ġawhar tiegħu jidher fil-ġmiel tiegħu kollu, imma mbagħad konna ntiru bil-ferħ meta naraw li x-xogħol ċkejken u mekkaniku tagħna kien apprezzat hekk tajjeb mill-Imgħallem.

Imma għalija egħżeż minn dawn kien inċident ieħor li sar f'atmosfera bil-wisq imbegħda minn dik tal-poeżija: għax sar f'dik id-daqsxejn ta' kantina li hemm fi Strada Carri quddiem il-Coliseum, il-Belt, li l-irġiel kollha jafu tajjeb ħafna. Ma naħsebx li nkun qed niftaħar jekk ngħid li bħala student fl-Università kont wieħed mill-iktar li jaħdmu fl-għaqdiet universitarji tista' tgħid kollha. Imma niftakar li darba minnhom iltqajt ma' Dr. Briffa fil-post li semmejt; baqa' jistennieni u aħna u ħerġin flimkien ta' ħabib tassew li xtaqli l-ġid u ta' missier li xtaq jiftaħli għajnejja, widdibni biex ma naħdemx iżżejjed; "Issa", kien qalli, "kollox sew għax għadek żgħir; l-għeja ma tagħmilx bik. Imma strieħ kemm tista' għax

tani l-poeżija tiegħu li sejjaħ *Xewqat il-ħena*. Għalkemm wara kienet dehret f'*Il-Malti* u kien daħħalha fil-ġabra ta' poeżiji tiegħu li kien ħareġ fl-1960 ma naħsibx li nagħmel ħażin li nerġa' nippubblikaha hawnhekk. Ma għandniex xi ngħidu mhix ta' l-istess kobor ta' l-*Epithalamion* tiegħu, miktuba fl-okkazjoni tat-tieġ ta' oħtu, imma lili xorta kienet għoġbitni ħafna u n-nota tas-sinċerità tagħha tinħass l-istess. Il-versi huma dawn:

**XEWQAT IL-ĦENA**

(*qabel iż-żwieġ*)

ta'

NANCY U WALLACE

25-x-'59

*Jiena dort il-ġonna kollha*
*Illi jsebbħu l-Gżira tagħna,*
*Sħart niġġerra ma' l-iljieli,*
*Bosta nkwejt taħt xemx setgħana;*

*U għalkemm għotort bil-għeja,*
*U għalkemm berrejt 'l għajnejja,*
*Ma waqaftx mil-mixja twila*
*Għax xbibetkom imxiet ħdejja.*

*Warda waħda, warda sbejħa,*
*Warda tfewwaħ b'nifs ir-riħ,*
*Li mix-xemx redgħet is-sħana*
*U mill-qamar il-mistrieħ...*

*Kemm fittixtha din il-warda*
*Halli tfewwaħ it-tieġ tagħkom,*
*Bla tidbiel, bla tmut, 'ma dejjem*
*Tibqa' tgħix, għal dejjem magħkom.*

*Ma sibthiex matul il-ġonna...*
*Nibtet f'daqqa ġewwa qalbi*
*Din il-warda tant mixtieqa:*
*Ommha l-ħolm, u l-missier talbi.*

*Jalla qatt ma titilfuha*
*Tul il-medda tat-triq tagħkom,*
*Halli nħoss l-għeruq ta' qalbi*
*Marbutin għal dejjem magħkom.*

Awwissu 1959 ROSAR BRIFFA

Ma għandi l-ebda dubju Rużar li sakemm aħna nibqgħu dak li aħna, "l-egħruq ta' qalbek" jibqgħu "marbutin għal dejjem" magħna.

It-tieni inċident minn dawn personali tal-aħħar, ġara fiż-żmien meta Dr. Briffa kien marid u aħna lkoll konna nafu li l-ħajja tiegħu kienet waslet fl-aħħar. Fil-ħarġa tal-Milied ta' l-aħħar ta' *Leħen is-Sewwa* kont ippublikajt xi versi li huma ħafna għal qalbi li kellhom bħala soġġett il-marda tiegħi. Xi jumejn qabel it-*Tre Re* kont qiegħed naqsam Pjazza Regina, l-Belt, u f'daqqa rajtu qiegħed jaqsam it-triq minn quddiem il-*Caffè Cordina* u ġej jiġri għal fuqi; ħatafli jdejja u għalkemm dik il-ħabta kien ibati meta jitkellem, qalli b'leħen mhux baxx: "Prosit, Wallace, għal dik il-poeżija, tassew għoġbitni; mhux talli għoġbitni, imma tant qrajtha u erġajt qrajtha li ħafna minnha nafha bl-amment." Tifħir bħal dak qatt ma kont stennejtu l-aktar minn għand bniedem li kien kiteb *Lil Ommi, Wieħed Biss, Epithalamion* u *l-Għanja tal-Imnikket* u li ismu żgur li jibqa' ħaj sakemm il-poplu Malti jibqa' dak li hu u jibqa' jitkellem bil-Malti. Harist f'għajnejh imma bħal dejjem rajt id-dawl tas-sinċerità u fraħt mhux ftit. L-aħħar tifkira ma naħsibx li hija tiegħi biss, għalkemm ta' natura personali wkoll. Din teħodni fil-jum tal-funeral tiegħu fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata malli wasal għad-difna. Dak il-ħin niżlet raxxa silġ kull waħda daqs ġellewża li damet sejra ġmielha. Għaddieli minn rasi dak il-ħin li l-art kienet qegħda tipprova tinkesa b'mantar abjad biex tkun denja li tirċievi fi ħdanha l-ġisem mejjet tiegħu.

# TIFKIRIET DWAR RUŻAR BRIFFA

Ta' EMANUEL AGIUS

NISTQARR li mita ġejt mistieden biex nieħu sehem f'laqgħa bħala tifkira ta' Rużar Briffa, jien mill-ewwel għedt iva, l-iżjed għax jien kelli l-unur illi kont ħabib tiegħu u ħadt gost ħafna illi hekk ikolli ċ-ċans inroddlu qima. Meta l-mewt toħodlok ħabib, ir-rebħa tiegħek biss tista' tkun illi ma tħallihiex toħodlok ukoll it-tifkira tiegħu. B'dan kollu, mita qgħadt naħseb bejni u bejn ruħi, f'liema kliem u kif nista' jien nuri r-rispett li kelli għal Rużar Briffa bdejt insib illi fejn jien kont ħsibt illi kont nafu tajjeb, fil-verità kont naf ftit biss fuqu. Tafu kif jiġri: bniedem tiltaqa' miegħu, tgħid xi erba' kelmiet, tiċċajta xi tnejn, imma ħafna drabi ma jirnexxilekx tkun tafu fil-fond. Ġie li tkellimna fuq ix-xogħol, kelli l-okkazjoni nammira l-ħila u l-għaqal tiegħu f'dawk il-fergħat tal-mediċina li kien għażel. Imma ma nistax ngħid onestament illi hawnhekk jien kont nafu tajjeb ħafna. Iżda l-kittieb, u l-iżjed il-poeta liriku, għandu vantaġġ fuq l-oħrajn, illi huwa jista' fil-poeżija tiegħu juri qalbu u ruħu. Rużar Briffa kellu s-sens illi jistampa f'volum wieħed il-poeżiji tiegħu, u għalkemm kulħadd xtaq illi dak ikun biss l-ewwel volum, ix-xorti kiefra riedet illi kien ukoll l-aħħar u għalhekk bejn il-qoxriet ta' dan il-ktieb relativament żgħir (u m'għandniex xi ngħidu s-siwi tal-poeti ma jitkejjielx min-numru ta' paġni li għandhom ħila jimlew) insibu biex ngħid hekk, il-ħajja sigrieta kollha ta' Rużar Briffa.

Kien hemm min qalli illi dan il-ħabib tiegħi kien pessimist u bniedem imgħobbi bid-dwejjaq. Iżda mita erġajt mort naqra l-poeżijiet tiegħu, ma nistax ngħid illi qbilt ma' din l-opinjoni. Fil-poeżijiet insibu dwejjaq u ferħ, insibu dlam u dawl, insibu il-ward bħal ma nsibu x-xewk, insibu, fi ftit kliem, il-ħajja ta' bniedem illi hija mużajk ta' ikrah u sabiħ, ta' ferħ u ta' niket. Forsi Rużar Briffa kellu xejra daqsxejn iżjed lejn il-monotonija. Il-mod kif naraha jien huwa illi Rużar kien essenzjalment bniedem ferrieħi, imma l-fortuna xi drabi ttrattatu ħażin u kulħadd, u forsi l-iżjed il-poeti, għandu xejra illi jiddramatizza l-ikrah u ma jiċċelebrax biżżejjed il-ferħ. Jidher ċar illi Rużar Briffa kellu fidi kbira fit-twemmin Nisrani, u kellu mħabba kbira lejn art twelidu. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ kienu għalih bħal ankri tas-salvazzjoni, u dejjem servew biex żammewh fi triq dritta. Rużar Briffa kien fortunat illi kien jaf x'jiġifieri mħabba, l-imħabba ta' ommu, ta' martu, ta' l-armla tiegħu, u ta' bintu. Jekk l-affarijiet għalih

ma mxewx dejjem dritt, dan seta' jservi kultant biex jagħti togħma iżjed qawwija lill-ħlewwa li fl-aħħar kien jasal biex iduq. Dana jidher, bħala eżempju, f'dik il-poeżija skwiżita *Benninni, ħa norqod*, u f'dik l-oħra *Lill-Maħbuba* fejn seta' jgħid, tard f'ħajtu

*Min għalija*
*Reġa' s-seħer taż-żgħożija.*

Rużar Briffa, bħala tabib speċjalizza fil-mard tal-ġilda illi jinkludi l-lebbra, u f'xi mard ieħor. Briffa, naturalment, ra ħafna gwaj f'dan ix-xogħol. Il-lebbra, marda li tolqot lil ħafna nies innoċenti u ttelfilhom, biex ngħid hekk, il-gost kollu tal-ħajja, hija waħda mill-iżjed mardiet drammatiċi. Imma b'dan kollu, tista' tgħid ma nsibu l-ebda riferenza fil-poeżiji għal dawn il-ħwejjeġ ħlief xi frażi 'l hawn u 'l hemm. Il-poeżija *Wieħed Biss* kitibha qabel ma kien sar tabib u ma setgħetx ġiet ispirata mix-xogħol professjonali. Dawn huma l-fatti, allavolja ma huma kif wieħed jistenna illi jkunu. B'dan kollu, din mhix ħaġa stramba wisq. Kien hemm ħafna tobba u xjenzjati illi kienu kittieba u poeti, imma ftit huma dawk li ħalltu l-mediċina mal-poeżija. Wieħed mill-iżjed magħrufa kien Sir Thomas Browne li kiteb *Religio Medici.* Keats kien beda jistudja l-mediċina imma telaqha malajr. Fi żmienna Somerset Maugham, Conan Doyle, De Vere Stacpoole, Francis Brett Young, P.C. Wren, A.J. Cronin, Warwick Deeping, u James Bridie kollha kienu tobba imma ftit daħħlu l-mediċina fix-xogħol letterarju tagħhom, anzi kwazi kollha telqu l-mediċina meta mexxew bħala kittieba. L-iżjed bniedem li kien magħruf bħala kittieb u tabib kien Axel Munthe ta' *The Story of San Michele,* imma anki dan kiteb meta kważi spiċċa x-xogħol ta' tabib. Hawn Malta kellna lil Nikol Zammit, lil Temi Zammit, lil Ġużè Bonnici u, fostna, lill-professur Ġużè Galea.

Waħda mill-isbaħ plays li qatt rajt f'għomri – u xejn ma hawn isbaħ minn play tajba – kienet *The Lark* maħduma hawn Malta mid-*Dublin Gate Company,* tal-kittieb Franċiż, Anouilh. Din kienet il-ħajja ta' *Joan of Arc* u niftakar tajjeb illi l-final tagħha ma kienx – kif soltu jispiċċaw il-plays illi nkitbu fuq *Joan of Arc* – il-ħruq tal-qaddisa, imma l-koronazzjoni tar-re ta' Franza, bil-ħila ta' Joan, fil-kattidral ta' Rheims. L-awtur qal illi l-ħajja ta' *Joan of Arc* kienet suċċess, kienet ħajja ta' trijonf u mhux ta' telf. Fuq Rużar Briffa jien inħoss l-istess. Jiena rrid nibqa' niftakru fil-ħlewwa tal-poeżiji tiegħu, irrid nibqa' niftakar fih daħqani kif spiss rajtu, u rrid infakkar illi l-poeti tajbin ma jmutu qatt. Fuqu li tant ħabb lill-art Maltija nixtieq ngħid il-versi li bihom Belloc għalaq il-ktieb *The Four Men:*

*He does not die that can bequeath*
*Some influence to the land he knows,*
*Or dares, persistent, interwreath*
*Love permanent with the wild hedgerows;*
*He does not die, but still remains*
*Substantiate with his darling plains.*

## LIL RUŻAR BRIFFA

*Jien mewtek ma narax b'għajnejn il-folla,*
*Għax fl-għana tiegħek ma rajtx biss sbuħija:*
*Jien rajt id-Dawl li żgur għal ħajti kollha,*
*Qalbi u ruħi jkunu bih medhija.*

*Imwaħħal kont mal-ħolm tiegħek bħall-kolla,*
*Mal-ħolm ta' ġmiel, ta' ferħ, u ta' tbatija.*
*Aħna marbuta: u l-għoqda ħadd ma jħollha,*
*Għax ħierġa dritt mill-qalb: għalhekk qawwija.*

*U issa mewtek jien inħoss tgħollini*
*'Il fuq minn hawn, fejn m'hemmx ħlief dawl u tieba,*
*Fejn huwa t-tmiem u l-bidu ta' kull ġrajja;*

*U b'qawwa u b'rieda kbira qed timlieni.*
*Għax x'inhi l-ħajja ħlief tal-mewt il-bieba?*
*U x'inhi l-mewt ħlief il-muftiħ tal-Ħajja?*

MICHAEL A. SALIBA

# TIFKIRIET TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' Ġanni Bonnici

L-ewwel darba li smajt l-isem ta' Rużar Briffa kien meta ftaħt il-Grammatka ta' Dr. A. Cremona u qrajt silta mill-poeżija *Lil Ommi.* Din l-istrofa li kienet tibda

*Fejn taf għażiż'ommi*

baqgħet imwaħħla f'moħħi u l-ewwel darba li kelli ħin niftaħ it-tieni ktieb tal-*Ward ta' Qari Malti*, qallibtu kollu biex nara nsibx dik l-għanja mexxejja u sabiħa. Iżda kien kollu ta' xejn.

Erġajt qallibtu mill-ġdid, għax ħsibt li fl-ewwel tfittix kienet ħarbitli minn taħt għajnejja. Biss, nista' ngħid, dik it-tfittxija, għalkemm għalxejn, swietli biex nara għanja oħra, għanja li tbikki imma, fl-istess waqt, li tgħallem, l-għanja ta' l-imġiddem imnikket għaliex m'għandux x'joffri lill-Madonna imma li għandu tama sħiħa, qawwija u bla miksura, li din tista' tfejqu.

Għadda ż-żmien u, bħala tħejjija għad-dħul fl-Università, ħtieġli nieħu xi ftit privat biex ngħaddi mill-Matrikola tal-Malti. Dan, niftakar sew, kien fl-1960.

F'waħda mill-lezzjonijiet, l-għalliem beda jfissrilna l-*Għanja ta' l-Imnikket.* Iżda qabel ma bdielna qalilna hekk: "Jekk tridu tifhmu dil-poeżija jkollkom ta' bil-fors tisimgħu l-ġrajja tagħha għaliex hi marbuta magħha". Qalilna li meta l-kittieb kien tabib tal-isptar tal-lebbrużi, mar fuqu l-kappillan li kien marid ukoll u b'leħen miksur qallu "Int ktibt fuq ħafna nies, għaliex ma tiktibx xi ħaġa fuqna?"

Dak il-ħin ġibt quddiem għajnejja lil Rużar Briffa bil-qiegħda fuq maqgħad quddiem il-mikteb jagħmel minn kollox biex itemm l-għanja u malli jispiċċaha jagħtiha lill-kappillan li, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh, jiżżih ħajr.

Kif wasalt id-dar qbadt naqraha. Ħassejt id-dmugħ jaħraq ma' ħaddejja u għedt li l-poeta kien jaf iħoss għal dawk li jgħixu madwaru.

Dawn il-ħsus kibru meta s-sena l-oħra qrajt l-artiklu tiegħu fuq Dun Karm. Meta wasal biex jitkellem fuq it-tabib Bonnici, sieħbu ma qalx ħlief xi sitt kelmiet. Dawk il-kelmiet meta taqrahom u tixtarrhom issib li kienu tassew ħerġin mill-qalb ta' ħabib.

Illum it-tabib Briffa m'għadux magħna. Iżda jekk miet hu, l-għanja

tiegħu tibqa' u magħha jibqgħu t-tifkiriet sbieħ li tħalli għanja ta' dik il-għamla.

U issa bħala wirja ta' qima lil missier il-*Għaqda* tagħna ktibtlu dan is-sunett:

## LIL RUŻAR BRIFFA

*Miet Missier il-Għaqda, miet Briffa t-Tabib,*
*Hekk ġriet l-aħbar li ħasditna bħal berqa*
*Waħna ulied l-Għaqda, Missier, tlifna ħabib*
*U sħetna l-mewt, għax għamlet din is-serqa.*

*Int mitt; ġismek jitmermer, iżda tibqa'*
*L-kitba tiegħek, oħla w tfuħ iżjed mill-ward,*
*Il-kliem sabiħ, Rużar, warajk għad jibqa'*
*Bih issaħħar aktar nies milli saħħart.*

*Aħna nħobbuk, għall-ġid li għamilt magħna*
*Għax int ħabbejt lill-Malti, għalkemm tabib,*
*Għax waqqaft Għaqda, fl-*Alma Mater *tagħna,*
*Flimkien ma' sieħbek ieħor, li tagħha kien ħabib.*

*Missierna kbir, jekk minna l-mewt firditek,*
*Tagħlix, tibkix, għax bija le qerditek!*



*(Foto. P. Valentin Barbara, O.P.)*

Grupp familjari tal-poeta.

(Mix-xellug għal-lemin) It-tifla Cecilja, R. Briffa, is-Sinjura Louisette.

# B'TIFKIRA TA' HABIBI RUŻAR BRIFFA

Ta' VALENTIN BARBARA, O.P.

LIL Rużar Briffa milix żmien twil li sirt nafu mill-qrib. Sibna 'l xulxin *tard wisq,* kif stqarr huwa nnifsu fil-poeżija tiegħu dedikata lili. Niftakar illi, daqs għaxra jew tnax-il sena ilu, kienet l-ewwel darba li waqqaftu taħt Putirjal, filwaqt li konna reġgħin lura huwa mill-isptar u jiena mill-Kulleġġ ta' St. Albert, u, b'ħajra kbira li ndewwaq il-ħlewwa tal-poeżija tiegħu lit-tfal tagħna fil-klassi, kont ħeġġiġtu biex jiġbor il-poeżiji kollha tiegħu u jxandarhom fi ktieb. Għadni narah jitbissem dik it-tbissima tiegħu ta' wieħed donnu aktarx qed jistħi jkellmek, u weġibni li bosta ħbieb kienu ġa talbuhielu qabli din il-ħaġa, u li xi wħud minnhom wegħduh saħansitra li jeħdulu ħsieb ta' kollox huma, iżda li l-poeżiji tiegħu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ma kinux jidhrulu tajbin għal idejn it-tfal, imħabba s-sentimentaliżmu tagħhom f'ċertu suġġett, u li għalhekk kien jaqta' qalbu biex jiġborhom u jxandarhom kollha. Issellimna bil-ħatfa, u bqajna sejrin għal triqna.

Kemm qabel u kemm wara din id-darba, jiena u Rużar ġie li ltqajna drabi oħra, l-aktar f'xi laqgħat ġenerali jew akkademiċi tal-*Għaqda tal-Kittieba,* li dari kienu jsiru aktar ta' sikwit, jew f'laqgħat oħra letterarji, iżda konna għadna ma sirniex *nafu 'l xulxin,* għad li f'dawn il-laqgħat 'l hawn u 'l hinn kont nagħmilha ta' wiċċi sfiq miegħu u bil-ħlewwa u l-imġieba kollha nissokta nsus fuqu ħalli jaqtagħha darba għal dejjem u joħroġ fi ktieb il-poeżiji tiegħu.

Ma niftakarx sewwa sew x'kien li laqqagħna flimkien dak in-nhar li ġie fuqi u tani ferħa billi ħabbarli li sa fl-aħħar kien bi ħsiebu jaqta' x-xewqa ta' bosta minn ħbiebu. U talabni ngħinu fl-edizjoni tal-ġabra tal-poeżiji tiegħu; qalli li, minn fost dawk kollha li kienu offrewlu l-għajnuna tagħhom, huwa xeħet għajnejh fuqi *għax tal-partit.* U bexxaq xofftejh fi tbissima sabiħa. Għax Rużar kien jagħmel mal-parroċċa tal-Portu Salvu tagħna tal-Belt, kien iħobb ħafna l-festa ta' San Duminku, u kien miġbud ġmielu lejn l-Ordni tagħna, l-Ordni tar-Rużarju li għalih kien imsemmi. Għalhekk, wara li wegħidtu li nidħol b'qalbi kollha għal dan ix-xogħol u nfridna, kollu ferħan mar id-dar igħarraf lil martu illi Patri Dumnikan kien se jgħinhom fl-istampa tal-ktieb tal-poeżiji tiegħu.

Dan kien fil-bidu ta' l-1959. Il-jum sewwa sew ma niftakrux, imma naf li kien xi ftit qabel il-Għid il-Kbir, għaliex wara din il-festa kien talab

lili biex immur inberiklu jien bil-permess tal-kappillan tal-parroċċa.

L-ewwel darba li, wara stedina tiegħu, mort għandu ħalli nibdew ix-xogħol, sirt naf illi jekk ħafna ħbieb tiegħu u tal-Malti kienu ilhom iħajruh b'dan il-għan, kienet iżda martu li l-aktar waħda saħqet fuqu u, b'għira ħelwa, kienet wegħditu illi hija u mhux ħaddieħor kienet għad taħsiblu għax-xandir tal-ġabra tal-versi tiegħu. U biex twettaq din il-wegħda tagħha kienet ġa marret bosta drabi miegħu l-Bibljoteka Rjali biex mir-rivisti ta' l-imgħoddi jiġbru flimkien il-poeżiji li jsibu, għax Rużar qatt ma żamm fil-e tagħhom. Barra minn hekk, id-dar kienet sabet għadd ta' poeżiji oħrajn li biċċa minnhom kienu għadhom ma dehrux, miktubin fuq biċċiet ta' karti u saħansitra fuq id-dahar ta' pakketti vojta tas-sigarretti, ġabret kollox flimkien, u ħadet is-sabar li tittajpja kollox. B'hekk il-mertu huwa kollu tagħha, u biss meta kienet hejjiet il-materjal kollu aċċettat li jidħol wieħed barrani biex jissokta x-xogħol u jagħmel dak li hi minkejja tagħha ma setgħetx tagħmel. Lili, mela, kien jonqosni biss li nordna l-poeżiji kronoloġikament, indur dawra ma' l-ortografija, u nagħti daqqa ta' għajn ħafifa lejn xi forom grammatikali u sintattiċi, safejn stajt nagħmel dan mingħajr l-iċken ħsara lill-ħsieb u lir-ritmu oriġinali tal-vers.[1]

Iżda Rużar Briffa baqa' dejjem li kien: għall-ewwel beda jqarras wiċċu issa minn din u issa minn dik il-poeżija, u jgħidli: "Din aħjar inħalluha barra..., dik aħjar ma nistampawhiex...", sakemm fl-aħħar qbadt il-karti kollha, daħħalthom fil-borża, u għidtlu bis-sħiħ: "Kollox se jidher." Huwa tbissem, mejjel waħda rasu, u qagħad minnufih. Kien imħabba f'hekk li huwa, fid-Daħla tal-ktieb tiegħu, stqarr li "ma kien isir xejn kieku Patri Valentin Barbara, O.P. ma rax u għamel, biex ngħid hekk, kif seraqhomli, u mid-dlam tahom id-dawl." Miskin Rużar! Kieku qatt ċaħad xi suġġeriment milli kont nagħmillu, kieku qatt tfantas meta kont nurih il-fehma tiegħi dwar xi tibdil ċkejken! Kien iridni nirranġa kollox jien kif jidhirli l-aħjar, mingħajr anqas biss nurih, ħaġa li jiena b'xejn ma stajt noqgħod għaliha u li lili kienet tkiddni wisq xħin kont inġib quddiem għajnejja x-xejn tiegħi ħdejn il-kobor tiegħu fil-kamp poetiku. Iżda x'kobor kobor!

[1] Briffa, biex jagħmel tajjeb għal xi nuqqas fil-metru, kien iħobb ħafna jdaħħal l-ittra *i* fil-bidu tal-verbi, bħal fil-verbi *itkexkxet il-kotra miġmugħa fil-qrib* (*Wieħed Biss*, p. 35), *itħares madwarba* (*Quo Vadis*, p. 76), *itbegħidt mill-kenn u l-barka* (*Ballata*, p. 72), *li għal dejjem itbennik* u *fejn itgħaddi ħajtek kollha* (F'*Album ta' Tfajla*, p. 113); xi drabi kienet taħrablu xi forma grammatikali żbaljata: *Jien bħalek fexxejt fl-għana* (*Lil Għasfur Igħanni*, p. 67), xi dieresi kerha fil-widna: *U inħobb lilek-bħalma ħabbejt qatt* (*Tfajla, Toħlomx*, p. 9), *U il-Papa qiegħed Ruma* (*Dwejjaq Missirijietna*, p. 67), xi sillaba nieqsa li tgħawweġ ir-ritmu: U *tnejn, 'ma d-dell wieħed* (*Fil-Ġnien ta' Hastings*, p. 86), *T'inċens*, u *ta' xema'*, *u ta' ward* (*Il-Knisja ta' Żgħoriti*, p. 108), xi sillaba oħra aktarx żejda: *Ġrajja kiefra bawn-bekk(a) tnisslet* (*Ballata*, p. 72), u xi liċenzi poetiċi oħra li ma deherlix li kelli jew li stajt inneħħihomlu kollha.

Ma rridx nifhem illi Briffa ma kienx iħoss ir-responsabbiltà tiegħu bħala wieħed mill-poeti l-kbar tagħna, għaliex l-apprezzamenti li kien jaqra fuq is-sehem tiegħu fil-letteratura tagħna ma setgħux iħalluh biered; madankollu fl-umiltà kbira tiegħu kien bħal jistagħġeb meta t-tifħir u l-għoġba kienu jixxerrdu minn kullimkien fuq il-versi tiegħu, u mill-qiegħ ta' qalbu kienet titla' weħidha l-mistoqsija: "Tassew li jistħoqqli?" Biżżejjed ngħid illi, meta kien jiġi mistieden biex jaqra poeżija tiegħu f'xi okkażjonijiet, kien iħalli f'idejn martu biex tagħżillu waħda hi, u kien jifraħ qisu xi tfajjel safi meta jara li tkun għoġbot lis-semmiegħa.

Nistqarr, iva, illi l-aqwa tagħlima li ħadt minn għand Rużar matul il-ftit tas-snin tal-ħbiberija tagħna kienet dik ta' l-umiltà. Hija magħrufa biżżejjed il-ħila tiegħu f'dik il-fergħa tal-mediċina li għaliha nxteħet b'ruħu kollha. Madankollu bosta drabi, wara li jkun iltaqa' miegħu xi marid imfejjaq minnu u b'ħafna kliem ta' ħajr kien igħidlu: "Profs, inti tagħmel il-miraklí", hu, ferħan se jtir, kien imur id-dar jirringrazzja 'l Alla talli jkun inqeda bih biex jagħmel xi ġid lil għajru.

F'Rużar kienu jidhru ħafna wkoll xejriet oħra sbieħ tassew, bħall-ġabra tad-dar, it-tbegħid mill-frugħa u t-tlellix żejjed, il-ħarba minn diskursati twal u bla siwi, u, iżjed minn hekk, l-imħabba: imħabba ħelwa lejn bintu u lejn martu, imħabba qawwija lejn għajru u lejn art twelidu, imħabba sħiħa lejn dmiru fis-sejħa tiegħu ta' tabib. Din ta' l-aħħar, imbagħad, kienet, biex ngħid hekk, in-nota karatteristika ta' ħajtu. Min kien jafu tajjeb ma satax ma jintebaħx illi Rużar kien tabib qabel ma kien poeta; u huwa nnifsu stqarr illi, kieku kellu jerġa' jitwieled mill-ġdid, tabib kien jerġa' jsir. Hwejjeġ tal-għaġeb huma s-sagrifiċċji li kien jagħmel fil-qadi ta' dan id-dmir: muġugħ, Alla u martu biss jafu kemm, għad li barra mid-dar kien jagħmel kemm jista' biex jaħbi l-għomma tiegħu minn ħbiebu, anqas ħila jdawwar rasu kif irid, bilkemm jiflaħ jitkellem, baqa' sa l-aħħar ġimgħa ta' ħajtu jmur l-iżpiżerija, hieni li jkun għamel imqar ftit ġid. Il-professjoni tiegħu kienet iġġibu wiċċ imb'wiċċ ma' ħafna hemm tad-dinja, hemm ikrah li bih il-bniedem jiġġarrab qawwi minn Alla, bħalma huwa l-ġdiem, jew li bih il-bniedem iġarrab lilu nnifsu b'idejh imħabba n-nuqqas ta' lġiem fuqu nnifsu. U Rużar kien ikun fis-sema tiegħu meta mad-duwa tal-ġisem kien jara kif jagħmel biex isawwab qatra ta' duwa oħra fir-ruħ biex il-marid jistabar u jintrabat mar-rieda t'Alla jew jilmaħ il-kruha ta' ħajja mhix xierqa u jerġa' għat-triq it-tajba; u meta kien iseħħlu jagħmel xi ġid fil-għalqa ta' l-appostolat nisrani l-ferħ tiegħu kien jidhirlu f'wiċċu. Min ma jafx bis-sentimenti spiritwali li tnisslu fih għad-dehra tal-Patri Kapuċċin li ċċappas bil-marda ta' dawk li tagħhom kien kappillan, sentimenti mfissrin minn Briffa b'lirika mill-isbaħ f'waħda mill-aqwa poeżiji

tiegħu *Il-Għanja ta' l-Imnikket*, li l-ewwel isem tagħha kien *Il-Għanja ta' l-Imġiddem?* Mera tal-ħasra ta' qalbu quddiem il-miżerja ta' l-umanità nsibuh f'poeżiji oħrajn tiegħu, bħal *Lil Ommi*, *Għajjiena*, *Le Xebgħana*, *Tħażżinna Wisq*, *Fl-Indja*, *Il-Għanja tal-Midneb*, *Traġedja*, *Żina*, *Fil-Ġnien ta' Hastings*, u oħrajn magħhom li fihom tilmaħ ir-ruħ tal-poeta mġennen wara s-sbuħija u l-għoli tal-bniedem, u mnikket meta jarahom mgħajbin u mkasbrin.

Nixtieq nista' nsemmi wkoll il-ħlewwiet safja kollha ta' l-imħabba li kellu lejn martu Louisette, li fil-poeżiji tiegħu nsibuha bħala Annabella u li għaliha kiteb ġmiel ta' poeżiji bit-taljan mhumiex imxandra, u lejn bintu Ċeċilja, li d-daħla tagħha mas-sorijiet ħassha fuq li ħassha u li tatu ġewwa wisq. Iżda fuq ħwejjeġ bħal dawn jidhirli li huwa aħjar u aktar xieraq jekk inħalli lilu nnifsu jitkellem fil-poeżiji tiegħu.

L-aħħar darba li ltqajt ma' Rużar kien nhar it-Tlieta filgħodu, 19 ta' Frar 1963; kien qiegħed bilqiegħda barra ħdejn il-bieb tal-*Premier* maġenb mejda, jikteb ittra lil bintu, li kellha tkun l-aħħat waħda tiegħu lilha. Wara nofs in-nhar tas-Sibt ta' wara, wara li għamlet ħalba ġmielha ta' xita u silġ, jien kont qiegħed iċ-ċimiteru maġenb l-aħħar għamara tiegħu, inlissen fuqu l-aħħar talbiet tal-Knisja flimkien mas-saċerdot li mar iwasslu għall-aħħar mistrieħ tiegħu. U huwa u nieżel fil-ħdan ta' din l-art ħanina ħassejt xi ħaġa tinqata' minn ġo fija u tinżel u tinħeba għal dejjem fil-qabar sieket tal-ħabib ta' qalbi.

# IL-MEWT TAL-POETA

LIS-SINJURA ARMLA L. BRIFFA

*Sa qabrek wassalniek, Għażiż Poeta,*
*Fit-tlieta u għoxrin jum ta' Frar fawwari,*
*Fis-silġ ilanġas biex iżid id-diqa*
*W is-swied ta' qalb*
*Li qatt ma telqek fl-isbaħ jiem ta' ħajtek*
*U mexa miegħek donnu dell madwarek*
*Kull jum... kull ħin*
*Sa tefgħek f'qiegħ il-qabar.*

*Imm'għid, għaliex Rużar,*
*Id-dinja ma tatikx ħlief morr u ħjiena,*
*Hlief xewk ma sibtx*
*F'kull triq li qbadt fil-ħajja,*
*Jew rokna sliema dal-ħolqien xbiħ miegħek –*
*Holqien li fawwar bosta qlub bil-bena –*
*Lilek ma takx,*
*Ma takx*
*Hlief daqsxejn faraġ –*
*Biex bih ma tmutx malajr u tibqa' tbati –*
*Faraġ ta' Bint,*
*Ta' Mara li taf tħobb,*
*Ta' niesek u ta' ħbiebek?*

*Lejn fommok ma ressqitx id-dinja kusba*
*Bil-fwieħa mfawwar, kollu risq u benna...*
*U kieku qatt ħajritek*
*Bil-ferħ u bix-xalar tinsa lil għajrek,*
*Biex tgħix ferħan ġo fik*
*U tbarri minn widnejk l-uġigħ tad-dinja...*
*Il-kus kont tiċħad, kull żegħil, kull ħejma*
*Biex tfarraġ l-imnikktin bil-għanja tiegħek.*

*Għalbekk, bħal ħajtek,*
*L-għanjiet tiegħek, xbiba*
*Tal-biki tal-bnedmin,*
*Tan-niket tagħbom,*
*Li int ħassejt*

*U Kollha Ġbart Minn Qalb Kulħadd Ġo Qalbek,*
*Biex slaleb għajrek f'ruħek Int ittaffi,*
*Isserraħ l-imdejqin mit-tiġrib tagħhom,*
*Ħajjiethom mill-imrar xi ftit issaffi.*

*Għalhekk, Poeta mitt:*
*Inqasmet qalbek tnejn,*
*Għax iżjed ma felħitx għall-hemm tal-bniedem*
*W id-dmugħ, issa li mitt,*
*Iżjed ma jinxifx*
*Għax jibqa' jleqq*
*Mhux aktar f'għajnejk sbieħ u miksurin,*
*Poeta,*
*Imma f'għanjietek!*

Sliema, 8 ta' Marzu, 1963 (3-4 a.m.) ĠUŻÈ CARDONA

## LIL RUŻAR BRIFFA

*Ġawhra ħallielna, ġawhra f'nar maħduma,*
*Li ssawwret f'qalbu f'ġamar mimli xrar,*
*Bid-dmugħ t'għajnejh il-versi sħaħ mirquma,*
*Għax ġarrab hemm il-ħajja lejl u nhar.*

*Inħarqet ruħu fuq l-artal tal-ħajja,*
*Wid-debba fl-għoli telgħet fis-smewwiet,*
*Intiseġ ismu b'debeb fuq ktieb il-ġrajja,*
*Għax l-għana safi nstama' tul il-wied.*

*Il-leħen qatt ma jmut f'din l-art Maltija,*
*Il-ġabura tibqa' tiddi bl-isbaħ lwien,*
*Il-leħen f'qalbna jnissel poeżija,*
*Il-ġabura tkun il-kewbba tal-qawmien.*

*Għalhekk ma bkejtx xħin smajt bil-mewta tiegħu,*
*Għax ulied Malta dejjem jibqgħu miegħu.*

T. CINI

# KIF NIFTAKAR LIL RUŻAR BRIFFA

Ta' ĠORG ZAMMIT

NISTA' ngħid li ma ħriġtx darba mis-Seminarju, mgħaġġel mgħaġġel biex immur inkompli x-xogħol tiegħi l-Qorti, jew l-uffiċċju, jew l-Università, mingħajr ma rajt lil Ružar jippassiġġa quddiem l-Isptar Ċentrali u jpejjep. Mhux darba jew tnejn offrejt li nwasslu sal-Belt; imma Rużar kien igħidli li qed jistenna lil tal-karozzin – u għal ebda raġuni ma kien irid iġibu għal xejn. Ġie li, biex jiċċajta, kien igħidli li ma kienx jafda ruħu f'idejja meta nkun qed insuq; u darba għal ftit ma tajtux tassew għalfejn igħid. Milli jidher kien qata' qalbu li l-kuċċier tas-soltu jiġi; u għamilli sinjal biex inwaqqaf ħalli jitla' miegħi. Jien, li ma stennejtx aktar mit-tbissima u t-tislima tas-soltu, għal farka ma bqajtx dieħel fuq karozza oħra li kienet wieqfa ħdejn il-bankina tas-Seminarju. U Ružar, b'dik it-tbissima ħelwa tiegħu: "Ngħidlek sewwa jien, li mhux ta' min jafda ruħu f'idejk; karozza bħal dik, anqas rajtha?". "Xi trid tagħmel," weġibtu jien; "fejn nara poeta, ma nara xejn iżjed!"

U l-poeta daħak, u daħak bil-qalb.

U kull meta noħroġ mis-Seminarju, qisni nistenna li sa narah hemm, jistenna l-kuċċier biex jieħdu jkompli x-xogħol tiegħu ta' tabib fl-Ispiżerija fejn kien jagħti konsulti.

It-tabib Briffa kien raġel: raġel fix-xogħol tiegħu, raġel fil-familja, raġel bħala ċittadin u bħala kittieb.

Tabib kapaċi u qalbu tajba, ħalla wrajh tifkiriet sbieħ f'dawk kollha li kkonsultawh fl-hemm u fid-diffikultajiet tagħhom. Kien bniedem ta' ftit kliem u ta' prinċipji sodi li hu żamm sħaħ sal-aħħar. Kien jaf jaqbad argument u jżomm tiegħu kontra kull avversarju, imma kien intelliġenti biżżejjed biex jara r-raġuni fejn raġuni kien hemm.

Imma Rużar Briffa jibqa' dejjem magħruf bħala poeta, u l-liriki tiegħu ma jistgħux ma jkollhomx post ta' unur fil-Poeżija Maltija. Ma messnix, hawn, nitkellem fuq ix-xogħlijiet tiegħu bħala poeta, imma liema ħabib tal-poeżija Maltija ma ħassx il-ġmiel ta' dawk il-versi li ġagħluh iħares b'għajnejn ġodda lejn il-Madalena, imżebilħa minn min kien rifsilha ġieħha u magħdura minn Dak li hu bla ħtija; jew ma sabx fihom dinja ġdida ta' sbuħija, ta' sabar, ta' mistrieħ?

Dejn kbir għandha l-letteratura Maltija lejn l-amla ta' dan it-Tabib Poeta għax, kif kemm-il darba qalli hu stess il-poeżiji li kien jikteb kienu

jintilfu, li kieku hi, b'imħabba u kostanza denji tagħha, ma kinetx toqgħod tfittixhom, tiġborhom u terfagħhom sa kemm jasal iż-żmien li jaraw id-dawl fil-publikazzjoni. Meta tinkiteb l-istorja tal-Letteratura Maltija, is-Sinjura Briffa għad trid tieħu postha bħala dik li mingħajrha ma kienx ikollna l-ġawhar ta' poeżija li ħarġu minn dik il-pinna.

Naħseb li ma tkunx ħaġa barra minn postha jekk nispiċċa dawn il-kelmtejn bil-versi li ħarġuli minn qiegħ qalbi malli smajt l-aħbar tal-mewt tal-ħabib tiegħi.

## LIL RUŻAR BRIFFA

*Kemm mort ħesrem, Poeta, minn ġol-ġnejna*
*Ta' żabar u sagħtar fejn flimkien għannejna!*
*Qisek waqaft f'nofs għanja. Għollejt ħarstek*
*Lil hemm mill-ikħal: u tbissimtek, fejnha?*

*Kellek f'għanjietek xejra ta' sbuħija*
*li tnin mal-ħmura mdiehba ta' fl-għaxija:*
*Tħossha ssejjaħlek; titbissimlek; taħrab*
*Bħal kewkba mżerżqa mas-smewwiet safjija.*

*Għax int, Habib, hekk kont tħobb tgħanni: tqiegħed*
*F'qalb is-semmiegħ bħal leħħa dawl titriegħed;*
*Tħajru għaliha; ġġiegħelu jfittex ġmielha,*
*Imbgħad, bħal bilbla, 'il fuq il fuq titbiegħed.*

*Tbenna b'riħet il-warda – u taqtagħbiex;*
*Tgħaxxaq bi ġmiel il-frotta – u tikolbiex.*
*Holma ħalliha ħolma, għax dik bħal għanja*
*Li, biex tismagħha, trid ma tgħannihiex!*

*Dan, l-għana kien għalik, sa ma l-kefrija*
*Tal-mewt ħatfitek mill-ġnejna Maltija.*
*Iżda int, bħall-għana, ma tmut qatt minn fostna:*
*Trabek, trab Malta. Ruħek, poeżija!*

# APPREZZAMENT TAX-XOGHOL POETIKU TA' RUŻAR BRIFFA

(*Bil-kortesija ta' l-editur tal-*Berqa *fejn deher fit-18 ta' Jannar,* 1961.)

Ta' Ġużè Diacono

Sa fl-aħħar għandna miġbura fi ktieb il-lirika ta' Rużar Briffa, mhux biss wieħed mill-akbar poeti li kitbu bil-Malti, iżda bla dubju xejn l-aqwa wieħed, f'post għalih, f'dawk li huma ispirazzjoni delikata daqskemm hi soġġettiva, sinċerità ta' ħsieb u sempliċità realistika ta' espressjoni, ġmiel ta' forma ħielsa minn irbit artifiċjali u mużikalità ta' vers u ritmu.

Sa minn żgħożiti ħabbejt il-vers ta' Rużar Briffa, sa minn meta, student ta' l-ewwel sena, dlonk weġibt għas-sejħa tiegħu u ta' ħabibu, Ġużè Bonnici, Alla jaħfirlu, meta waqqfu l-*Għaqda tal-Malti* ta' l-Università. Niftakar kif saħħarni l-ġenn, it-taqtiq ta' l-imħabba tiegħu – mhux biss l-imħabba taż-żagħżugħ li jfittex is-sieħba, iżda l-imħabba li tikber fi ħdan il-familja. Bqajt niftakar dik l-istedina lil oħtu f'jum it-tieġ tagħha, *Epithalamion:*

*Tibża' xejn, oħt, it-triq ofroq imwarrda,*
*u f'rasek la tibżax tq'ed żabar bla ħtija:*
*int bħalhom, ma tafx semm, oħti Marija.*

U sakemm nibqa' ngħożż lil ommi – jaħasra, fadalli biss it-tifkira tagħha – jibqgħu jidwu f'widnejja iż-żewġ liriki li, fl-1928, Rużar Briffa kiteb lil ommu, l-aktar it-tieni waħda, meta, raġel magħmul, iżda għajjien u mikdud, talabha –

*Benninni, benninni,*
*Fissidni bħal dari...*
*Hekk... hekk... iva, daħħal*
*Subgħajk ġewwa xagħri...*

Sa minn hawn, sa mill-bidunett, tidher in-nota awtobjografika, ħielsa minn kull artifiċjalità ta' kelma jew indirizz, u magħha d-diżillużjoni, fil-poeżija ta' Rużar Briffa.

*Omm, int le taf il-bikja li għandi f'qalbi,*
*u le taf l-għala jien ma nidħak qatt,*

*għax ċħadt lil sħabi, għax nitbekka f'talbi,*
*u sirt lid-dinja nobgħod u lil kulħadd.*

Versi li jfissru ħafna għal min jaf lil Rużar u jaf in-natural tiegħu. U f'dawk l-ewwel snin kiteb lil ħabibu Saver Caruana: "Int taf, Saver, li nżomm il-ħajja b'fiergħa, u aktarx li jiena sirt ma nemmen f'ħadd..." Sena wara lmenta f'*Deżolazzjoni* li f'moħħu żżanżan

*il-għanja bla mistrieħ*
*Ta' min jaf illi tilef*
*U qabel kiber xjieħ...*

U dik l-istess sena f'sunett iċanfar lill-ħolma taż-żgħorija

*... wrejtni kollox għerf, ġieħ u sbuħija,*
*għax ħbejtli l-ħemm u w'għedtni kollox bnin,*

Din in-nota ta' diżilluzjoni tibqa' għaddejja fil-poeżija kollha ta' Rużar Briffa tul is-snin, isemmagħha f'żewġ strofi kiebja u qalila li kiteb fl-Indja fejn kien mar jistudja, u jsemmagħha fl-Ingilterra – sa ma fl-aħħar tgħib għal kollox mal-lirika *Lilek*, fl-1952, u bil-poeżija ferrieħa u daħkana li ġiet warajha, *Għad Nerġa'*, *Lill-Maħbuba*, *Sbuħija* u *Lil Annabella:*

*U llum li nafek sew...*
*U s-snin għaddew...*
*Ħa jkun ix-xagħ'r bajdani,*
*Ħa tkun il-kisra tal-għajnejn għajjiena;*
*Irridek ħdejja...*
*Idejk irrid f'idejja...*
*U l-għana li għannejt tul iż-żgħorija*
*Jien nibqa' ngħannih miegħek*
*Fix-xjuħija.*

Issa sa fl-aħħar sab li xtaqet qalbu, ma għandux aktar min ikiddu, igħall-tu, imarrarlu qalbu, iċaħħdu, issa għad jerġa'...

*Għad nerġa' għat-triq it-twila*
*Li ma twassal għal imkien;*
*Nimxi għad-dawl tal-qamar*
*U max-xemx, ferħan, għajjien.*

Huwa f'*Waħdi* li (fit-tieni varjazzjoni), bil-vers liberu li tant iħobb u tant jaf iħaddem, Rużar Briffa jagħti ħjiel ċar taż-żewġ episodji tal-ispir-azzjoni tiegħu bħala poeta – id-diżillużjoni ta' żgħożitu u tax-xemx li

feġġitlu fi kburitu — wara kollox s-Sbuħija għadha miegħu, taqsam il-ferħ u d-dwejjaq tiegħu...

Issa jekk jiena għidt li fil-biċċa l-kbira tal-poeżija ta' Rużar Briffa ssib imtenni darba wara l-oħra t-tema dominanti tad-diżillużjoni, titbiddel kemm titbiddel l-armonija, u jkun x'ikun il-ħsieb li jnebbaħ il-lirika, madankollu rrid ingħid li din id-diżillużjoni mhi qatt ċinika, u qatt ma tagħdab, iżda dejjem rassenjata, dejjem Nisranija — mad-diżillużjoni tħoss ukoll l-imrar u l-għeja, imma ma jonqsu qatt is-sabar u l-maħfra. Il-poeta jċanfar, iva, imma ma jisħet qatt — imqar jekk kien hemm żmien, snin, li saħansitra nħonoq, u siket, għax ma felaħx għall-qilla tal-ħajja, għan-niket, u l-ħsara, u l-uġigħ u l-għawġ.

Hemm dik il-lirika ta' ġmiel li ma bħalu, *Il-Għanja ta' l-Imnikket*, fejn il-poeta hu jekk għaref u hekk Nisrani li jmur jifrex in-niket tiegħu fi djul Omm il-Bniedem:

*O Madonna tad-Duluri,*
*Mhux il-ward*
*Jien fittixt ħa nsebbaħ darek*
*U nfewwaħlek lil altarek,*
*Imma x-xewk minn qalb ix-xagħri*
*U l-għollieq, marrad, musfari,*
*O Madonna tad-Duluri,*
*Dana biss!*

Tridu lili biex ingħidilkom li dan hu ġmiel kbir — ġmiel ta' forma, ġmiel ta' kelma, ta' mużka, u fuq kollox ġmiel ta' ħsieb?

Fl-Indja, fejn kien mar jistudja l-mard tal-ġilda, stqarr f'żewġ stanzi, tmien linji b'kollox — imma liema ksur ta' qalb isarrfu! liema baħħ! x'ħasda li ħonqot u ċajpret kull ġmiel — il-għala ta' erba' snin skiet:

*... u jiena smajt id-daħka,*
*id-daħka ħadranija*
*ta' mitt lebbruż u wieħed*
*fil-waħx ta' filgħaxija;*

*u demmi kesaħ fija, —*
*għall-ewwel darba mitt:*
*għal żmien indfint ħaj mejjet,*
*għal żmien mill-għana skitt.*

Il-poeta ma jiflaħx igħidilna x'ra, x'ġarrab, jiġma' kollox fi tliet puntini u jinfexx f'għajta, twerżiqa mitlufa, imwaħħxa, u mbagħad żewġ daqqiet maħtufa — "demmi kesaħ fija, għall-ewwel darba mitt" (kemm ifisser dan

il-kliem bla tifsir!) — u fl-aħħarnett dawk iż-żewġ versi mkaxkra, bil-polz kemm jinħass.

Hawn hu l-kobor tal-lirika ta' Rużar Briffa, li mal-kelma mirquma, ir-żina, aħjar waħda minn tnejn, dlonk toħroġ l-ilfiqa, tinħass il-weġgħa, mhux sentimentali, iżda realistika, materjali saħansitra, bl-imluħa tad-dmugħ max-xoffa. Il-poeżija ta' Briffa ma taħmelx tlellix u tiżjin fieragħ, u għalhekk hi setgħana u sabiħa.

Rużar Briffa huwa poeta sinċier u realistiku, u forsi għalhekk ma jħobbx wisq il-forom konvenzjonali. Tabilħaqq l-aqwa u l-isbaħ versi tiegħu kitibhom meta kien ħieles mill-irbit formali, u fassal ir-ritmu mat-tifsir ta' ħsiebu, bħalma għamel f'*Il-Kotra u Jien,* fejn jikkonkludi li l-bniedem irid jinsa, irid "s-serħ t'Anestesija".

*Poeżiji* ta' Rużar Briffa (Lux Press, 4s 6d) huwa kiteb mhux biss għall-istudent u għad-dilettant tal-poeżija, iżda għal kull min irid jifthu minn żmien għal ieħor u jedha f'mumenti ta' ispirazzjoni poetika li ġejja dritt mill-vini tal-ħajja.

Nagħlaq billi nistedinkom taqraw din il-ġojjell ta' lirika, tisimgħu t-tokki ħiemda u mistrieħa tal-*Ave Marija,* u bejnhom tħossu l-waqfien mill-għaġla u l-ġiri tal-ħajja għal meditazzjoni u talb:

*Doqq, o qanpiena,*
*Sabar 'l imdejjaq, lil minn dineb ħniena,*
*Serħ lill-għajjiena.*

*Kull filgħaxija*
*Nessi lid-dinja l-għanja tal-moħqrija*
*U tat-tbatija.*

*Bosta batejna,*
*It-triq tas-Sewwa, il-għerf tal-Hajja nsejna,*
*Għalhekk għejejna.*

*'Ma filgħaxija*
*Nessina l-għelt, il-ġlied, nessina l-ħtija.*
*Ave Marija.*

# IL-VALURI TAL-ĦAJJA FIL-POEŻIJA TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' J. ZAMMIT MANGION

BIĊĊA sewwa mill-poeżija ta' Rużar Briffa tieħu l-ispirazzjoni tagħha mill-attitudini tas-soċjetà moderna lejn il-ħajja, u minn dawn il-poeżiji soċjali-reliġjużi toħroġ, biex ngħidu hekk, il-filosofija tal-ħajja u dawk il-valuri etiċi-morali tal-poeta. Din il-filosofija u dawn il-valuri huma wkoll parti integrali mill-ħajja tal-kittieb, il-għaliex aħna nafu biżżejjed li Rużar Briffa kien mhux biss bniedem ta' kultura għolja, imma kien ukoll tabib imsemmi li studja u pprattika l-professjoni f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Minn dawn iż-żewġ egħjun – mill-kultura u mill-ħajja – Rużar Briffa sawwar dik il-filosofija li toħroġ hekk safja u hekk imqanqla fil-poeżija tiegħu li nistgħu nsejħulha pessimista materjalment iżda spiritwalment ottimista. Tassew, din il-kwalità ta' poeżija li kiteb Rużar Briffa nistgħu naqsmuha fi tliet kategoriji: l-ewwel kif il-poeta jpinġi lis-soċjetà ta' daż-żmien; it-tieni l-idejiet tiegħu fuq Alla u l-eternità; it-tielet kif jaħseb li s-soċjetà tal-lum tirreaġixxi għall-filosofija tiegħu.

Meta kien tabib fl-Indja, il-poeta ġie wiċċ imb'wiċċ mar-realtà tal-ħajja, il-ħajja tal-mard, il-ħajja ta' min hu mbarri mis-soċjetà, il-ħajja ta' min qiegħed jiġġieled bla waqfien kontra l-mewt. U din ir-realtà influwenzatu ħafna, daħlet fih u saret biċċa mill-karattru tiegħu, hekk li meta ġie biex jifli l-ħajja ta' barra mill-isptar, il-ħajja tan-nies b'saħħithom ma sab xejn ħlief:

*Żifna dejjem sejra*
*fis-swali imdebbin...*
*fil-knejjes qatt ma jonqsu*
*ix-xama' mixgħulin...*
*u kollox illużjoni,*
*kollox vanità,*
*ir-rota dejjem sejra,*
*fil-vojt t'Eternità.*

Is-soċjetà moderna saret soċjetà materjalista, dinja ta' "mitt il-*ċar* u mija maħruba", fejn saħansitra x-xjuħ "għajjiena iżda le xebgħana" jiżfnu u jiżfnu bla waqfien u jittewbu fil-mirja, dinja li tefgħet f'ħemda ta' bla tarf tal-Kattidrali "illum minsija u bid-dawl mitfija", "Illum", jgħid il-poeta,

*Mbux Emmna, mbux il-qalb li kienet*
*l-ikbar u l-itjeb fost il-barranin*
*illum il-Lira tmexxi tagħna r-rjus.*

Tbiddlu l-valuri tal-ħajja, u d-dinja għażlet il-pjaċiri u l-kumditá. Fil-materjaliżmu tagħha, id-dinja saret imgħaġġla, intrabtet ma' dak li hu t'issa, u tilfet il-ħsieb fl-eternitá. Ix-xwejħa ħarruba, weħidha u magħtuba mit-toqol tas-snin, tħares madwarha ħa tara l-għaġla tan-nies għaddejjin, u taħseb:

*Kemm huma mgħaġġlin?*
*Fejn huma sejrin?*
*għal dejjem bla sabar*
*min-nieqa sal-qabar*
*dal-ħalja bnedmin?*
*Fejn huma l-egħruq?*
*. . . Għaliex ftit mistrieħ għalihom m'hemmx?*
*U l-lehma biss tagħhom*
*Il-ħajja tas-suq?*

Għan-nies tal-lum sejra għajjiena lejn darha nhar ta' Ħadd fil-għaxija, mitlufa fil-ħsieb tax-xogħol tat-Tnejn fil-għodu,

*qatt ma kien hemm il-bieraħ*
*m'hemmx għada u pitgħada.*
*Il-bniedem fassal waħdu il-jiem taċ-ċiviltà.*

Ma dan il-bniedem nesa li

*Alla ħalaq qablu*
*it-tul t'Eternità.*

L-istess ħsieb huwa mtenni mill-poeta Ngliż W. Davies meta jgħanni:

*What is life if full of care,*
*We have no time to stand and stare?*

U fuq dan l-iżball tal-ħajja tal-lum hija mibnija l-kitba filosofika ta' Jacques Maritanin, Christopher Dawson u Professor Jeffreys.

Il-materjaliżmu modern neħħielna kull ħjiel ta' eternità, u ma dan warrab lil Alla u lil Kristu minn quddiem għajnejna.

*Kien waħdu fuq il-għolja*
*u minsi minn kulħadd*
*bil-qalb maqsuma għall-bniedem*
*'ma ħajr ma raddlu ħadd.*

*Niżżlub minn hemm u qalu:*
*Għalfejn dell il-Mislub?*
*Serrpet is-saħta f'daqqa*
*u l-għera ġewwa l-qlub.*

Din hija l-poeżija msemmija *Is-Salib tal-Għolja* li, għalkemm is-salib ma neħħewhx in-nies, madankollu meta mar is-salib faqqgħet il-gwerra fuq Malta bil-qilla kollha tagħha. L-istess ħsieb huwa mtenni fil-poeżija ħelwa *Tristis Est Anima Mea* li fiha l-poeta jagħtina kwadru ta' Ġesù jitlob fil-ġnien taż-żebbuġ:

*u waħdu, waħdu, waħdu*
*beka bid-dmugħ tad-demm*
*għax lemaħ it-traġedja*
*ta' Ġerusalemm.*
*U wara sallbub,*
*u wara qatlub!*
*Elfejn sena wara*
*Ank'aħna niċħdub!*

Dawn il-kwadri pessimistiċi ma jistgħux ipinġuhom Catullu, D.H. Lawrence jew il-ħedonisti tal-lum, iżda jistgħu iħossuhom biss dawk li għad baqgħalhom fihom il-valuri spiritwali Nsara. Hawn Malta stess, il-poeta Dun Karm hekk jgħajjar lil Malta; "Int kont il-ġawhra tad-dinja u sirt bħal miżbla." U għaliex Rużar Briffa huwa bniedem ta' prinċipji reliġjużi sodi li ħassha daqshekk din il-bidla fis-soċjetà ta' żmienna. Il-poeta jħoss li l-aħħar gwerra li għaddiet kienet kastig t'Alla lil bnedmin:

*għalxejn il-biki u t-talb*
*u għalxejn il-qsim ta' qalb*
*Mgħaddab sħiħ għad-dinja tiegħu*
*Ma jridx Alla li jżomm driegħu.*

Kristu li bata tant għalina u aħna għadna niċħduh ma nesiex lill-knejjes tiegħu u għadu

*fil-ħemda tal-lejl*
*iħaddan miegħu il-ġebel qaddis*
*il-ġebel għażiż*
*fejn darba t-talb*
*messlu lill-qalb.*

U l-Madonna dik l-omm li "minn dejjem magħżula biex twelled il-Bniedem bla dnub, għad-dnub ta' ħaddieħor tilfitu, imżeblaħ, għarwien u mislub"

ħasset bis-sħiħ għal dik il-mara ħosbiena li sfat waħedha meta r-raġel tagħha ġie maqtul bil-gwerra.

Anki fid-dinja għad hawn min għad baqagħlu l-fidi. Dawn huma l-imnikktin li m'għandhomx deheb u flus biex iżejnu l-artali, imma joffru x-xewk u l-għollieq tal-ħajja lill-Madonna. Hemm ukoll il-mara li darba żbaljat, u meta t-tarbija tagħha staqsietha meta se jiġi missierha,

*għolliet xewqana għajnejha*
*lejn xbieha tal-Mislub*
*u temmet l-għanja tagħha*
*b'leħen ta' serħ u rebħ*
*Jurih it-triq lejn dama*
*għada l-Bambin mas-sebħ.*

Il-bniedem bħal jinsa 'l Alla fil-pjaċiri, iżda meta jmissu l-hemm, jerġa' jirrikorri lejh, u l-fidi li naqset fil-għanja u f'dawk li huma b'saħħithom, tinsab ħajja ħafna fil-fqar, fl-imnikkta u fl-imġarrba.

Barra minn dawn, li forsi juru l-parti negattiva tar-reliġjon u l-fidi, hemm oħrajn li ddedikaw ħajjithom kollha lilu u sabu l-ekwilibbriju tal-ħajja magħluqin wara l-bibien tal-kunventi:

*Twieqi mbarrati*
*bil-gradi tal-ħadid*
*tħoss qalbek titkexkex*
*bla ma trid.*
*Għax wara l-gradi*
*il-ħajja*
*mitfija tat-tfajliet*
*u barra l-gradi l-ħajja*
*ta' ħafna egħġubijiet.*

Iżda, jissokta l-poeta jgħanni f'poeżija oħra fuq l-istess ħsieb,

*Fl-aqwa ħemda ta' fil-għaxija*
*Ġesù ħabbat fuq il-bieb.*
*Kien għajjien, musfar, imdejjaq,*
*għaliex barra ma sabx ħbieb.*
*U fetħulu,*
*w ferħu bih,*
*u fil-kenn tal-wens u l-paċi*
*reġa' fostħom il-mistrieħ.*

Il-poeta nnifsu għadda mill-fażijiet li tgħaddi s-soċjetà u li għanna

fuqhom. Barra li ra l-ħajja barra minnu nnifsu, daq u tiegħem sewwa l-morr u l-ħelu tagħha. Ġew waqtiet meta ħass taqtigħ ta' qalb kbir, meta xtaq lilu nnifsu jerġa' jsir tarbija u jitbennen f'dirgħajn ommu. F'waqtiet bħal dawn, il-poeta jgħanni!

*il-għanja tennili*
*il-għanja ta' dari –*
*tat-tfajjel imqareb*
*mitluf ġewwa x-xagħri*
*Iżd'ommu wisq talbet*
*lit-twajjeb Bambin*
*u Dan it-triq sablu*
*għaliex hu ħanin.*

U mhix jewwilla, l-*Għanja tal-Imnikket* l-aqwa u l-ogħla għanja li poeta jista' jgħanni lill-Omm tad-Duluri? Il-kunċett tal-eternità huwa wkoll qawwi fil-poeta, u hu jarah fil-baħar dejjem żagħżugħ li ż-żmien donnu ma jgħaddix minn fuqu. U fil-poeżija *Swied il-Qalb,* il-poeta donnu jsib it-tarf tal-filosofija tal-ħajja meta jgħid:

*U nħoss li għalxejn il-ħajja,*
*u kollha frugħa l-ġrajja,*
*u kollox illużjoni*
*ħlief triq – l-Eternità.*

Għandna mela, f'Rużar Briffa, poeta nisrani imrawwem fuq prinċipji sodi ta' reliġjon u eternità, li jħares lejn id-dinja bħala maqsuma f'parti kbira minn nies b'saħħithom u f'sikkithom li, madankollu, tilfu l-valuri tal-ħajja u saru materjalisti, u parti oħra, sfortunatament żgħira ħafna, li għadhom jemmnu għax imġarrbin, jew inkella għax tassew għarfu l-perfezzjoni billi jaħarbu minn din is-soċjetà. Imma l-poeta ma jiqafx hawn; huwa tabib kemm fil-ħajja kif ukoll fil-poeżija, u wara li kixef il-marda iħoss id-dmir li għandu japplika r-rimedju. Il-poeta jipprova jgħin billi jgħallem. Iżda x'jiswielu li jrid jgħallem jekk ma jsibx lil min irid jitgħallem? Hu hawnhekk fejn il-poeta donnu jaqta' qalbu mir-rieda tajba tas-soċjetà u jaqa' fil-pessimiżmu. Fil-poeżija *Il-Kotra u Jien,* il-poeta jirrakkonta kif meta kien żgħir mar il-Pjazza biex igħanni lin-nies l-għanja taż-Żgħorija: "ferħ fil-qalb, lill-Madonna ward u talb." Imma l-Kotra ma reditx tisma' u għaddietu ta' tarbija. Kiber, u reġa' mar il-Pjazza jgħanni din id-darba l-għanja taż-Żgħożija: "kollox hena, kollox dija u Poeżija", u n-nies għaddietu b'miġnun. Mar it-tielet darba meta xjieħ, u għana: "ħadd id-dar, waħdi nredden ħafna talb; qsim il-qalb" – u din id-darba

n-nies ma reditx tisma' fuq tbatija. Imħasseb, il-poeta jħalli l-Pjazza u jistaqsi lilu nnifsu:

*X'tiswa qatt lill-Kotra għajjiena*
*l-għanja li semmajtha jiena?*
*Għall-marid mhux Poeżija*
*imma s-serħ t'Anestesija!*

Is-soċjetà hi marida, u ma trid taf b'xejn ħlief li tinsa d-dwejjaq tagħha fil-ħedoniżmu. Poeżija iktar pessimista fuq l-istess motiv hija *Desolazzjoni* li fiha l-poeta jħossha tqila ħafna il-ħolma

*li għanna u ma semgħuhx*
*tad-diq ta' l-Iben t'Alla*
*Li ħabb u ġieh ma tawhx.*

Hekk ħassewhom l-aqwa għalliema tad-dinja: Sokrate, Plato, Seneka, u saħansitra Sidna Ġesù Kristu stess. Dawn għamlu kemm setgħu biex jibdlu s-soċjetà ħażina ta' żmienhom iżda qajla rnexxielhom f'ħajjithom stess. Il-frott deher ħafna u ħafna żmien wara mewthom. Il-poeżija ta' Rużar Briffa fiha x'tixtarr u titgħallem. Il-poeta hu maħbub minn kull sezzjoni tas-soċjetà iktar milli qatt ħaseb hu. Ejjew nixtiequ li l-filosofija tiegħu – li fl-aħħar mill-aħħar m'hi filosofija xejn ġdida – tidħol fil-qlub u l-imħuh taż-żgħażagħ ħalli, bħal ma xtaq il-poeta f'ħajtu nibnu Ġens Malti bil-leħen *rebbieħ*

*fuq ngħas l-imgħoddi ġwejjef, in-ngħas tal-Apatija*
*x'ħin ruħna kienet rieqda, ġo sodda barranija.*

## POEŻIJI MHUX STAMPATI

*Din il-ġabra ta' poeżiji u frak bla titlu fl-oriġinal barra xi ftit, ġbartha minn bċejjeċ ta' karta u notamenti, miżmuma b'għozza mill-armla tiegħu Louisette, li fihom il-poeta tagħna Rużar Briffa kien iħażżeż il-motiv liriku malli dan jixgħel ġo moħħu. Ħafna minnhom m'humiex mirqumin, għaliex il-poeta, imnikket mill-marda serja li qabditu, ma sabx żmien jorqom, u l-versi kienu jaqgħu mill-pinna tiegħu bħal dmugħ minn għajnejn meta l-qalb tuġa' ħafna. Fl-għera tagħhom, dawn il-poeżiji huma dokumenti importanti tan-niket u għali, li nġabru f'qalb il-poeta meta kien jaf li ma seta' jistenna xejn ħlief il-mewt u 'l hinn mill-mewt, il-misterju tal-biża' ta' l-eternità. Imma anki bħala poeżija, x'uħud minnhom għandhom l-intensità ta' l-Għana li hu ġabar fil-ktieb tiegħu* Poeżiji.

*Nirringrazzja lill-istudenti tiegħi Ġużè Cardona u J. Zammit Mangion tas-sabar li ħadu jittajpjaw dawn il-poeżiji minn fuq bċejjeċ ta' karta, u lil Ġużè Cassar Pullicino taż-żmien li ħa biex iqabbel it-test ittajpjat mat-test oriġinali tal-poeta biex jassikura l-akbar eżattezza fit-traskrizzjoni.*

5.iii.63 J. AQUILINA

### POEŻIJI SĦAĦ U BID-DATA

### RAJTEK...

Jiena rajtek b'libsa sewda,
Wiċċek l-ixjeħ fost ix-xjuħ,
Rajt il-hemm tal-Ħolqien kollu,
Id-dieq kollu f'wiċċ l-uċuħ

Ta' min tilef l-għana kollu
U sab ruħu bosta fqir,
Bħal min darba bħal omm saltan
U bla wildu sar irsir.

Rajtek jien l-ikbar sultana
Ġewwa Lourdes fil-kenn tal-għar,
Kellek libsa bajda bajda,
U fuq wiċċek dawl ix-xrar.

U jien l-iċken fost uliedek
– ċhaddtek jien seba' darbiet –
Ħassejt nerġa' l-mewġa sħuna
Ta' demm safi bla dnubiet.

14.xi.58

## "IS-SALTNA TIEGHI MHIX TA' DIN ID-DINJA"

M'għandix kuruna f'rasi,
Miniex Re.
Ix-xewk, flok deheb u ġawhar.
Għaliex le?

M'għandix porpra, bellus,
Ebd'artijiet u flus,
Jien l-ifqar fost il-fqar;
Nifraħ bin-nifs ta' Mejju,
Nibża' minn riħ Jannar
Għax jiena mingħajr dar.
Għaliex le?
Miniex xi Re!

M'għandix f'idejja fwieħa
Ħlief dik li il-midinba
Marija Maddaliena
Bl-imħabba u bil-ħniena
Dilkitli? Għaliex le?
Le.
Le.
Jien miniex Re.

(M'għandix idejja nodfa,[1]
Dufrejja sewdenin,
Il-kallu f'qiegħ idejja
Li bihom ser nagħmilkom
Imberkin.)

[1] Din l-istrofa fl-oriġinal tidher imħassra.

F'idejja kallijiet,
Għax jiena mastrudaxxa
U kemm is-sengħa swiet
Ħa ngħammar il-bnedmin
Għall-ħolma tal-Henjin.

6.vii.60

## MA RIEDU ĦADD!

Ma riedu ħadd...
Ġie għal kulħadd.
Fittxewh fit-tempju,
U ma sabuħx.
Bħala mexxej
Tal-Fariżej
Fittxewh f'palazzi
Minn tal-kbarat.
Ħasbuh ser jgħawweġ
Driegħ ir-Rumani.
Sabuh fil-pjazez...
Wieħed min-nies...
L-iċken u l-ifqar mit-tfal
Hu bies.

6.vii.60

## ILBIERAĦ

Ilbieraħ kont imdejjaq,
Seftur ta' swied il-qalb,
La sibt serħan fi ħsiebi
Lanqas serħan fit-talb.

Ilbieraħ kont imdejjaq,
Bla naf lanqas għaliex;
Xi ħadd weġġagħli qalbi,
Ma nafx min kien u biex.

Ilbieraħ kont imdejjaq,
W'għadilli ħsieb ħażin
Ridt naqbeż minn fuq Hastings
U mhux bid-dieq innin.

Ilbieraħ kont imdejjaq,
Fi knisja żgħira nħbejt
Fid-dlam u fis-skiet għeri
Id-dieq tal-ħajja nsejt.

Stħajjiltni li f'ġuf ommi
Għall-kenn u l-benna dħalt
U minn tant dmugħ u niket
Jien sibt is-serħan f'salt.

2.x.60

## DAWL L-ETERNITÀ

Igħixu fid-dlam.
Id-dud iħaffer gallarija
Taħt l-art
Ferħan
Li fl-aħħar sab mid-dawl serħan.
'Ma d-dawl hu tqil
U jixgħel xorta waħda
Fuq ferħ u ċaħda.

'Ma l-bniedem dawl irid:
Tad-dawl is-sid
Ix-xewqa tiegħu
U xemx, qamar u kwiekeb
Hu jrid miegħu;
Għat-triq
Li forsi għal imkien
Jew forsi għal kullimkien?

Daqxejn ta' Bomba Atomika
U dawl ma' kullimkien
U fuq id-dinja l-ħerba
U flok Palazzi għal bnedmin
Il-ħofra tal-firien.

Iżd' hemm il-*Kelma Eterna*[1]
Li tiddi tul kull żmien
Tiddi bla ebda fiżika
Fuq l-univers għajjien.

4.xi.60

## KRISTU HADDIEM

Ma kien xejn ħlief mastrudaxxa,
Forsi l-ifqar fost il-fqar;
X'sata' kellu fejn igħammar,
Hlief ħanut u biċċa dar?

Ma kienx wieħed mill-magħżula;
La kien nobbli w'anqas għani;
Ibigħ biss ix-xogħol ta' driegħu
Lill-maħqur u lis-setgħani.

Qalb il-għana minn tat-Tempju,
Il-musfar Ġesù samrani
Kellu l-lbies u kellu l-medda
Ta' min jaf li hu barrani.

Qamu l-għonja u l-kbarat,
Kontra t-Tfajjel Mastrudaxxa
Li kixfilhom lil għawarhom
Bħala dinja ta' frugħat.

'Ma dawk kollha l'għexu miegħu
U m'emmnuhx għax mastrudaxxa
Illum għabu ġol-mensija –
Baqgħet biss il-Kelma tiegħu.

29.xi.60

Il-Barrakka ta' Fuq

[1] Logos.

## IL-BALLATA TA' MATTEW CALLUS

"X'qed tfittex? X'qed tfittex?
Ix-xita fil-qrib,
Iriegħed w iberraq;
X'qed tfittex, ħabib?"

"Infittex lil Matti,
Lil Matti Callus."
"Xi tridu lil Matti?
Dak bniedem bla flus."

Lil Matti xi tridu?
Mhux iżjed tabib.
Lil Matti, ħabibi,
Tgħoddux bħal ħabib.

Irrid jien lil Matti,
Lil Matti Callus;
Irrid nara 'l Matti,
Lil Matti ħa nbus.

Ix-xita, ħabibi,
Il-beraq w ir-ragħad;
Miskin min bħall-lejla
Għalxejn qed jistad.

Ha ċċarrat lis-sema
Il-qilla tar-rgħad;
Se nfittex lil Matti
Fejn qiegħed jistad.

'Ma Matti, ħabibi,
Mhux iżjed jistad,
Għax Matti ħalliena
U qiegħed fl-irqad.

Min raqqdu lil Matti?
Għaliex Matti miet?
Għaliex f'dit-tempesta,
Għaliex dan is-skiet?

Għaliex Matti raġel
Ta' raġel hu miet.
Il-ħajja ta' Malta
Ma' Matti intfiet.

Ha mmur jiena lura
Fejn tant iġġerrejt;
Ngħidilhom li f'Malta
Kif dħalt u kif bkejt.

Għidilhom, ħabibi;
Għidilhom dan biss:
Li Malta mhix mejta
W għad tqum mill-abiss.

28.xii.60

## F'ALBUM TA' TFAJLA TA' HDAX-IL SENA

Kemm int ħelwa,
Tfajla żgħira,
Kemm sabiħa,
Kemm fewwieħa –
Tul id-dinja
Mgħaxxaq bik.

Int mill-warda
Sraqt il-fwieħa;
Mill-farfett
Tgħallimt ittir,
Ferħ il-ħajja,
Ihennik;

La tikbirx –
Hekk, ibqa' magħna.
Ħa tferraħna
Bi tfulitek;
B'dijadema t'allegrija
U ta' xemx.

O żgħorija,
Kemm int sbejħa.
Sraqt mis-sema
Lwien il-hena.
Isbaħ minnek
Le, le, m'hemmx.

18.iv.61

## L-GĦANA TAŻ-ŻGĦORIJA

Kont żagħżugħ
Bħaż-żgħażagħ kollha,
Moħħi mfawwar b'ħafna ħolm.
Imma sħabi fittxu l-pjazez
U t-triqat bin-nies mimlija.
Jien għalija
Ir-ramliet taħt dawl il-qamar
Mingħajr sabar,
Dawn fittixt.

U kont nikteb fuq ir-ramel
Il-għanjiet li jkiddu qalbi,
Il-għanjiet minn tas-sbuħija
F'ħalq tarbija
L'għadha kemm ħalliet is-sema,
U f'did-dinja kbira, fqira,
Ġiebet ftit mill-armonija
Mqaddsa, Allija.

'Ma ġie l-mewġ
U ħassarhomli;
F'qiegħ il-baħar ħarrabhomli.
Għadda ż-żmien
U nissihomli.

Imma llum li fi kburiti
Xi waqtiet f'miljet il-qamar
Terġa' l-fakra ta' żgħoriti,
U bla sabar
Fil-wesgħat tar-ramliet ħiemda

Nerġa' nfittex kenn imdawwal,
Halli ninsa l-kenn mudlami
Minn tal-qabar.

U xi drabi terġa' għalija
L-għanja sbejħa taż-żgħorija
Mill-abiss t'għerien moħbija
Ma' ftit fdal tal-armonija
Allija,
Li minn żmien id-dinja nsiet.
Terġa' f'daqqa f'qalbi tixgħel
Dik il-leħħa ta' sbuħija
Illi ħsibt għad-diem intfiet.

Nhar Lapsi 11.v.61 — Il-Barrakka ta' Fuq

## IL-KAŻIN

Fuq l-għatba tal-'Każin',
Salt xjuħ fix-xemx weqfin,
Iħarsu lejn iż-żgħażagħ
Bil-għaġġla għaddejjin.

M'hemmx ħolm għall-għajjenin[1]
Fuq l-għatba tal-'Każin';
Fi żmienhom mexxew Malta,
Imm'issa minsijin[2]!

17.vii.61

## WARA L-MEWT

Huġġieġa ta' xema'...
Qawsalla ta' ward...
U r-reżha fuq tfajla
Ta' niket u bard.

Il-mejjet imkeffen
Fil-ħdura, fil-ward,
Il-qawwa tat-tfajla
Għarwiena fil-bard.

[1] Fil-manuskritt taħt "għajjenin" hemm il-kelma "minsijin" imħassra.
[2] Fil-manuskritt fuq "minsijin" hemm il-kelma "mitlufin" imħassra.

Indifen fis-sema...
La xema', la ward,
Indifen fis-sema
La biki, la bard.

Huġġieġa ta' xema'
Qawsalla fil-ward...
Hawn tfajla titniehed,
Hawn kesħa ta' bard.

Il-mejjet imkeffen
Fil-ħdura, fil-ward,
It-tfajla mifnija
Mir-regħxa tal-bard

Xejn!
La ħdura, la ward,
La biki, la bard...
Ġol-qabar meddewh
U l-għada nesewh.

27.xi.61

Indifen fis-sema...
La xema', la ward,
Indifen fis-sema
La biki, la bard.

*(Varjazzjoni)*

Huġġieġa ta' xema'...
Qawsalla ta' ward...
U l-mantar fuq tfajla
Ta' niket u bard.

Il-mejjet imkeffen
Fil-ħdura, fil-ward,
Il-ġilda tat-tfajla
Għarwiena[1] fil-bard.

(Ġol-ħofra difnuh[2]
U l-għada nesuh,
Qawsalla fis-sema
U dinja bla demgħa!)

## DIN ID-DINJA!

Id-dinja serrieq:
Miskin jekk itmieri
Għax rasek f'nofs triq.

Id-dinja nuċċali
Bil-lenti miksur,
Turik mewt imbiegħda...
Fil-pjazza madwarek
Il-mewt qed iddur.

Id-dinja żurżieqa
Li tħares 'il fuq,
Maqsuma mill-ilma
Li 'l isfel isuq:

Id-dinja dagħbien...
Il-qabar miftuħ...
Itgiddem lil ġismi
Ja seħer mitruħ...

Jien, jien huwa jiena
Għax nefaħ f'nifsejja
T'Allitu
Ir-Ruħ.

12.xii.61

Barrakka ta' Fuq

[1] Fil-manuskritt taħt *għarwiena* hemm kelma oħra *imxennqa*.

[2] Dawn l-erba' versi fl-oriġinal jidhru mħassra.

## ESPERIMENT FIL-POEŻIJA MODERNA

Ejja, ħi, 'l hawn,
Ġib idek ġewwa jdejja,
Imxi ħdejja...
Ha mmorru lejn Bu Fies
Minn fejn ma jiġux nies.

Int mhux ħabib illum
Illum int ħija,
U l-ħolm l'għandek ġo fik
Hu l-ħolm ta' ġewwa fija.

Tgħidlix ismek x'inhu.
Mhux sejjer ngħidlek tiegħi.
Biżżejjed li jiena winti, ħi,
Marbuta t-tnejn
Bl-istess
Camaraderie.

Issa mhux waqt il-kliem:
Ma ngħaġġlu xej'!
Iż-żmien għaddej,
Għaddejja wkoll aħna
Mixjin, mixjin,
Daqqa bil-għaġġla,
U daqqa mkaxkrin.
Imma mexjin,
Imma ħajjin.

Issa mhux żmien tal-kliem:
Ma ngħaġġlu xej'!
Jien fuqi ma ngħid xej'
Tgħid xejn
Int fuqek.
F'li kien
F'li hu
Aħna ħajjin
Aħna mexjin.

Din, dak u l-ieħor,
Ilkoll mejtin

Għaliex weqfin,
Fil-ISSA biss.
La naslu ġo Bu Fies
Nibqgħu hemmhekk man-nies
Li ċaħdu l-Fama u l-Għana
U l-Lussu tal-Ilbies.
Għidli, *Camarade,*
Trid terġa' lura?

1.ix.62 Barrakka ta' Fuq

## FEJN SEJRIN?

Fejn sejrin jiena w int, ħabib?
Batejna bħalu.
Min bata bħalu?
Forsi l-uġigħ tad-dras,
Forsi l-uġigħ tar-ras,
L-istess?
Dan, iva dan,
Bħalek u bħali –
Ma fehmu ħadd –
Jiena u inti ma jifħmuna qatt.
Kuraġġ, ħabib;
Hu sejjer fis-Smewwiet!
Għada, pitgħada għalina
L-Għid ta' l-Imwiet.

6.ix.62

## LILL-MADONNA TAD-DULURI

O Madonna tad-Duluri,
Int kexkixtni fi xbihatek;
Kellek libsa sewda sewda,
Qsim ta' qalb!

O Madonna tad-Duluri,
Ġol-kappella tal-Habsin
Inti biss kont it-tallaba
Fejn mhemmx talb!

Ma libbsukx libsa ċelesti
Lewn id-dar fejn tgħammar inti,
'Ma keffnuk fi star in-niket
Tal-mejtin.[1]

Fost il-ward għażlulek vjoli
Minn idejn sbirri maħduma[2]
Flok inċens il-qżież tal-għaraq
Tal-ħabsin.

O Madonna tad-Duluri,
Illi tgħammar mal-ħabsin
Għammar miegħi, ħabsi minsi
U mitruħ,

Għax magħluq fl-infern ta' ħsiebu
U fid-dlam ta' l-inċertezza
Mingħajr dawl u mingħajr fwieħa
Tiegħu r-ruħ!

(*Varjazzjonijiet*)

I

O Madonna tad-Duluri
Ġo Palermo rajt xbihatek;
Kellek libsa sewda, sewda
U fuq wiċċek qsim il qalb –

O Madonna tad-Duluri,
Ġol-kappella tal-ħabsin,
Kemm smajt ħalf ikasbar 'l Ibnek
U kemm ftit smajt lilu talb!

'Ma kontx liebsa la ċelesti
– Hawn imbiegħda mis-smewwiet,
Hawn it-telf ta' xemx il-Hajja
Baħħ ta' dlam:

[1] Flok dal-vers fil-manuskritt jinqara vers ieħor, i.e. *Star id-dlam*, li mbagħad il-poeta ħassru.
[2] Fil-manuskritt fuq dal-vers jinqara ieħor, imħassar: *Anqas lebba ta' lellux.*

Lanqas ward sabiħ, fewwieħi
– Hawn il-qżież tal-għaraq jinten
U tar-ruħ bil-ġdim imlaqqma
Waħx ta' dlam!

O Madonna tad-Duluri,
Anki jiena l-ħabsi minsi
Għax ħraqt fija dawl ir-Ruħ
– Jien mitruħ.

Ma stmerrejtx lill-ħabsi mċaħħad
Mis-sbuħija tal-Ħolqien,
Il-magħluq fl-infern ta' ħsiebu,
Lill-imkeffen ġewwa d-dlam.

Hekk, Madonna tad-Duluri,
U tal-ġenn wild ta' l-imħabba
Tismerrhiex ruħ dal-poeta
Li trid tgħarbel dawl minn dlam.

II

O Madonna tad-Duluri,
Int li taf id-dwejjaq kbar
Ta' min kiber u sar għani
U ta' min sar fqir mal-fqar;

Ġejt illum,
Bħal ma' ġejt dejjem
Imma ġejt miflug, għajjien

. . . . . . . . . . . . . . . . .

III

Fuq il-wiċċ sfurit il-lumi
Duħħan iswed fuq l-ilbies
O Madonna tad-Duluri
Mingħajr qies!

Min tak xbiha ta' xbihatha
Kien bil-fors mifni bid-dieq
Illi sgur ma sabx qawsalli
Tul it-triq.

Int li issa tlift is-sfura,
Tlift id-dlam u sibt il-ferħ,
Lilna bl-hemm ikrah magħluba
Agħti ferħ.

## VJOLIN MARID

Vjolin f'idejn il-pupletku,
Fi djuq it-triq tal-baħrin,
Marradi min qiegħed idoqqu,
Bla ħlewwa l-ażmatku vjolin!

Min jitfa' xi sold għax ħanin,
L-oħrajn jitkellmu ħażin.

Maestro Clemente de Monte Real,
Il-prim fost il-primi vjolini tar-"Rjal",
Ir-Re Dwardu Sebgħa kien ħadlu b'idejh,
Muchacha Lolita bisitlu xofftejh.

Illum...
Clement vjolinista
Fi triq il-baħrin,
Clement il-pupletku
Iħanxar vjolin.

17.ix.62

(*Varjazzjoni*)

Vjolin f'idejn pupletku
Fi djuq triq il-baħrin,
Marradi min idoqqu,
Ażmatku il-vjolin.

Min jitfa' xelin –
Il-bqija jitkellmu ħażin.

Maestro Clemente de Violin Real
Il-prim fost il-primi vjolini tar-Rjal,
Ir-Re Dwardu Sebgħa kien ħadlu b'idejh,
Muchacha Lolita
Sa bieset idejh...
Clemente w idejh
Suppervi... le jridu
Tifħir... lanqas bejgħ.

Illum...
Clement vjolinista

Fit-triq tal-baħrin,
Clement il-pupletku
Iħanxar vjolin.

19.ix.62 Barrakka ta' Fuq

## IL-BALLATELLA TAL-FONTANA

*(L-aħħar poeżija ta' Rużar Briffa)*

U qniepen, qniepen, qniepen,
Qniepen viċin, fil-bogħod,
Leħenhom f'dell l-għaxija
Minn fomm il-għajn jirtogħod –
Fontana misterjuża
Ta' ħolm u ta' xewqat.

Għanjiet taż-żmien warrani
Fit-tempji ilhom mitfija;
'Ma llum minn ġol-Fontana
Mill-ġdid il-Liturġija –
Fontana misterjuża
Ta' ħolm u ta' xewqat.

Bakkan fiċ-ċimiteri,
Fis-sharijiet tal-qamar,
U żfin minn dlam l-alkovi...
Titniehed l-għajn bla sabar –
Fontana misterjuża
Ta' ħolm u ta' xewqat.

1.xi.62

## PAWLU TA' TARSU

Fuq il-Gżira ħerba kbira,
Mhux ta' faqar,
'Ma ta' Din...
B'deh'b u ġawhar
Djar u mqades
Imżejnin.
Ġewwa l-bliet
Il-qima kbira
Lejn Astart;
U ġo r-rħula
Biża', reghxa
Minn Melkart.

F'daqqa waħda
Kemm sajjetti
U kemm riħ;
Qamu f'daqqa
Mill-imqades
Il-Allat[1];
Halli l-mewġ
Bil-qilla tiegħu
Idawruh
Fuq tagħna
Il-blat.

Tkissru kollha
Fuq il-blat
Dgħajjes żgħar
U dgħajjes kbar:
Kbira l-qilla
ta' l-Allat.

'Ma l-imqit Pawlu ta' Tarsu,
Ir-Rażul,
Biex irażżan lill-Allat
Kien magħżul.

Waqgħet ħerba
Fuq l-imqades
Ta' l-Allat;
Ġiet il-benna
T'Alla wieħed
Fuq dal-blat.

## IT-TROMBA TAL-FIDDA

It-tromba tal-fidda li żarżret
Fil-ħemda tal-qamar u l-lej';
It-tromba ħabbara tan-niket
Li reghxet sa r-riħ li għaddej;

It-tromba li żarżret għat-tmiem
Tenniet il-barka w is-sliem;
It-tromba, it-tromba faħxija
Li żarżret fid-dlam fil-għaxija.

[1] F'lok daż-żewġ versi fl-oriġinal jidhru mħassrin il-versi: Minn ġo qburhom / Il-erwieħ; / Halli tal-

## FIL-BARRAKKA TA' FUQ

Jien nitla' il-Barrakka
Ha nfittex ftit mistrieh –
Jew nitla' il-Barrakka
Ghax naf li qed nixjieh?

Namrat ibus is-siehba,
U s-siehba ma tmerix;
Ta' hajja ġdida l-bidu
– Ftit fsied u ftit tgharghix.

Tfajla tghannaq 'l ohra,
Ghax huma l-mahbubin,
Fi hsiebhom biss li jaqblu,
Minn raġel imxennqin.

Kien hemm tfajla sinjura,
Imgharrqa f'bahar flus,
Miġnuna fuq il-kelba,
Kull hin lil Fifi tbus.

'Ma ġie ġuvnott hamalli,
Sabih ghala x-xanxè,
Addio Fifi taghha –
"Żgur iva. Ghala le?"

## BARRAKKA TA' FUQ

Barrakka ta' fuq!
Taht xita ta' xemx,
L'ileqq sbejjah daqsek
Ġo Malta ma hemmx

*(Varjazzjoni l-1 Strofa)*

Barrakka ta' fuq...
Taht xita ta' xemx,
U l-qamar iberraq,
L-gharija ma jtemmx.

Namrati, tfal żgħar,
Il-morda wix-xjuħ,
Ħamiem u għasafar,
Il-ward kollu jfuħ.

U kollox bewwiesi
Fil-leħħa tas-serħ,
U kollox għannieqi
W iferfer bil-ferħ.

Barrakka ta' fuq,
Fil-ħemda tal-lej'
Tgħid inti tismagħha[1]
Il-ġrajja tax-xej'?

Minn swarek, Barrakka,
Bil-hemm għajjenin,
Iħarsu l-fatati
Ta' swarek minn fuq
Lejn isfel fejn sabu
Tal-mewt il-għeruq[2].

## FUQ BANK

Fuq bank il-Barrakka
Imbiegħed minn-nies
Bil-qiegħda ħabibi
Imċerċer fil-lbies.

Fil-għodwa tal-ħajja
Trabbejna flimkien;
X'ħin kbirna xi darba
Intlifna x'imkien.

[1] Għall-ewwel il-poeta flok "tismagħha" kien kiteb "tiftakar", imbagħad ħassarha. Iż-żewġ versi kif kienu fil-bidu jinqraw hekk:

Tgħid inti tiftakar
Fil-ġrajja tax-xej'?

[2] Fl-oriġinal taħt "minn swarek" tinqara l-kelma "madwarek" imħassra; imbagħad hemm vers imħassar "Fil-fondoq tal-Foss", u mbagħad vers ieħor li kien se jkun jinqara "Biż-żmien għajjenin".

## HDURA KULLIMKIEN

Illum jien ħdart bil-ħdura,
Bil-ħdura kullimkien;
Fuq ras l-għoljiet supperva
Ġol-qalba tal-widien.

Minn Alla l-ħdura barra,
Ta' qalbi mix-xitan;
Il-ferħ għammiel tal-ħajja,
Il-moffa fil-ħitan.

Ejja, ja baħar ħduri...

Sal-baħar qed iħaddar
Minn hawn sa tarf imkien
Fejn ħadd ma sejjer jasal[1]
. . . . . . . . . . . . . . . . .

## IL-VASKA HADRANA

Il-vaska ħadrana
Imżewqa bil-ħmura tal-ħut.

Il-vaska misterjuża
Li tħaddar f'nofs il-ġnejna
Fejn darba itħabbejna
Imbagħad insejna...
Għal żmien ħaddret fix-xemx;
L-ebda għajn ma titfa' n-nida
Fuq sider l-għajn ħadrana...

## NIXTIEQ...

Nixtieq li nibni vaska
Wisq isbaħ mill-oħrajn,
Nibniha bil-ħolm tiegħi
Sa fejn twassal il-għajn
U ġewwa l-vaska kollha
Irrid żewġ ħutiet biss.

[1] L-oriġinal, imħassar, kien se jkun jinqara hekk: *Fejn jiena mbux ser nasal*

## HDURA

Hdura fis-sema
Fl-art
U fil-ġenbejn.
U d-dlam magħluq,
Mill-bqija xejn!

## MEJDA ĊKEJKNA

Jien għandi mejda ċkejkna
Taf żmienha sa minn żemżem,
Missierha is-Sbuħija
U ommha l-Armonija.

Jien xtrajtha f'Portobello,
Il-baħar tan-nawfraġji;
Għalkemm trabbiet fil-lussu,
Hawn tgħammdet b'din ir-Russu.

Fil-kesħa ta' fl-għaxija,
Fil-ljieli jonfħu l-bard
B'minkbejja fuq il-mejda
B'ħolmieti nieqsa 'ew żejda

Iħarsu lejn il-bogħod
Narani ras id-dgħajsa[1]
. . . . . . . . . . . . . . .

## LEJN L-IMDINA

Lejn l-Imdina, lejn l-Imdina,
Kemm il bogħod għal min għajjien;
Tiela' n-nobbli fost in-nobbli,
Li tas-Slaten jaf il-flien.
Tiela', tiela' t-telgħa tas-Saqqajja
Tiela' l-għolja il...

[1] Fuq dan il-vers hemm vers ieħor imħassar: *Fejn għad nilbaq ir-rajjes.*

## DLAM...

Dlam... dlam...
U dlam ma' kullimkien,
Anqas biss ma tixgħel
Daqsxejn ta' xamgħa mnittfa
Quddiem Ġesù għajjien.

'Ma 'l fuq id-dawl qerriedi
Ta' seħer il-għedewwa
Għalihom ferħ ir-rebħa
Għalina...

## KNISJA...

Knisja ċkejkuna mudlama
Moħbija mit-tina u l-ħarruba
L-inċens ir-riħa tal-għaraq
Tal-bdiewa bikrija
L'ifittxu ġo fiha
Is-serħ minn tagħha
Bejn sema, bejn l-art.

(*Varjazzjoni*)

Knisja ċkejkuna mudlama
Moħbija bejn siġar ta' tin u ħarrub,
L-inċens ir-riħa tal-għaraq
Tal-bdiewa ħidmija
(Li jfittxu bikrija[1]
F'nofs dalma ta' l-għodwa
Ta'.....)

## HOLM

Minn kulma ħlomt f'żgħoriti –
Infittex – kollox baħħ.
Il-qalb xiħa w għajjiena

[1] Dawn it-tliet versi mhux mitmuma jidhru mħassrin fil-manuskritt.

Ma tafx itgħid ħlief "aħħ".
Li ħlomt kien kollu ħolma,
Li għext kien ħajja biss.
Ah, kieku t-tmejn ingħaqdu,
Il-qamar kont immiss.
Issa qasira l-ħajja
U l-ħolm duħħan itir...

## X-RAY CLINIC

Għandi sewsew quddiemi
Uffiċċju tal-X-Ray,
Jidħlu kbarat bil-pompa,
Joħroġ ir-ritratt tagħhom:
Ftit għadam,
Imbagħ'd xej'!...

Fi żmieni għarbilt sewwa
Il-kotba tal-għorrief...

## IL-HMAR

Il-ħmar xaba' minn sħabu,
Telaqha b'ġirja waħda
Għal qalb in-nies tal-bliet.

Ftit wara reġa' lura,
Għaliex, kif qal lil sħabu,
Dejquh il-ħmerijiet...

## EPIGRAMMA

Is-sinjorina Ngliża
Hadet il-kelb l-isptar;
Ix-xwejħa omm tat-tfajla
Qed tmut minsija d-dar.

## DUN KARM

Gharwiena l-belt
Mill-iswed, mill-bandieri,
Il-Belt tal-Kavalieri...
U Dun Karm miet
Il-kbir poeta taghna
Issa mhux maghna.
Ġens Malti mghannaq
Mat-tlellix tal-flus[1].

## ECCE HOMO

Dan, iva, dan
Bhalek u bhali
Imqarras wiċċu
Bil-herra tal-uġigh.
Fil-habba minn t'ghajnejh
Iż-żlieġa tweġġa' ta' min jaf li xjieh
Fl-ahjar ta' hajtu
U jaf li jrid imut halli jistrieh,
Ghaliex nasbuh!
Dan, iva, dan
U bhalek, bhali!
Biss jaf min Hu
U jaf fejn sejjer.

## IN PULVERE REVERTERIS

Jien darba kont biċċa minnek,
Kun issa int biċċa minni.

La jidfnuk int issir trab:
Jalla l-ghabra tidhol ġo fija
Ha nhossok fija.

[1] Fil-manuskritt jidher li ghall-bidu dawn iż-żewġ versi kienu nkitbu hekk:
*Ġens Malti mogħmi*
*Wara t-tlellix tal-flus.*
Hemm imbghad vers iehor, imhassar: *Sabta ghad tbus.*

## LURA

Il-bieraħ dħalt
F'ġuf ommi...
Kemm kont ferħan, felħan
Insejt in-nieqa,
Il-qabar,
Għax fl-aħħar
Sibt is-sabar.

## FRAK

I

Int lili ma tafnix – le jien naf lilek
Għalik jien ħadd, u ħadd inti mn'għalija:
Eluf ta' snin għaddew.....

II

Jekk il-ħolm jiswa xi ħaġa
Kieku jiena sinjurun...
Mort il-Bank ma sarraftux...

*Dil-poeżija kellha tidħol fl-*Antoloġija, *iżda l-poeta nesa jdaħħalha. Debret f'*S. Rita, *April, 1963.*

## IX-XITA NIEŻLA

Ix-xita nieżla
U nieżel ukoll id-diq
U jiena waħdi,
Waħdi
Fin-nofs tat-triq.

Xlokk li ma nħobbx jien
Għaliex għajjien
Ix-xogħol jidhirli twil
Kemm twil, kemm twil
Holm mingħajr tarf
U xejn tibdil.

Ix-xita nieżla
Nieżla bil-mod
U jiena waħdi,
Waħdi bil-mod
Miexi fit-triq
Bid-diq.

Imm' għada riħ ieħor
Jonfħilna fuq l-art
U għada riħ ieħor
Ikeċċi lill-mard.

11.ii.57